
MONS SION IN JERUSAL



Ktieb tal-Ġild
Miktub bil-Lhudi
Wieħed fost ħafna kotba
Tar-Rħieb Esseni
Li għexu fi żmien Ġesù Kristu
li nsabu dal-aħħar
Il-Palestina.

It-Tielet Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1957 | Għadd 4

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# L-OPRA PIJA TAL-QABAR TA' KRISTU

**X'inhi:**

L-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu hi Xirka ta' msehbin li, bi ħsieb wieħed ta' talb u ta' għajnuna ta' flus, jifhmu jgħinu lill-Missjunarji Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa għall-ħarsien u kisba tas-Santwarji tal-Fidwa tagħna, kif ukoll għat-tixrid u ż-żamma tal-Fidi Kattolika qalb il-Lhud, il-Misilmin u x-Xiżmatiċi tal-Lvant.

**Kif u meta nħolqot.**

Inħolqot, nistgħu ngħidu, mill-bidu tal-Knisja, għax nafu, li xi wħud mill-Appostli ġabru u wasslu flus lill-insara ta' Ġerusalemm. Imma f'sura ta' xirka ġiet imsawra biss f'nofs is-seklu XIX bill-ħidma tal-Patrijiet Kummissarji ta-Terra Santa u ġiet imwettqa mill-Papa Ljun XIII, li għanija bi kbir ġid tar-ruħ, fis-sena 1894.

Għan ewlieni tagħha hu, li:

a) tgħin bit-talb, bil-flus u bil-ħidma għaż-żamma, għall-kisba u għall-ħarsien tas-Santwarji Mqaddsa;

b) taħdem kemm tista' għax-xandir tal-Fidi Kattolka qalb l-Infidili, għat-tixrid taċ-ċiviltà, għat-twaqqif ta' opri ta' benefiċenza u għall-għaqda bejn l-Insara.;

ċ) tgħaqqad Xirka qawwija għal dan il-għan qaddis minn għadd kbir ta' nsara "ta' rieda tajba", li jgħinu lill-Missjunarji Franġiskani, li minn 7 sekli ilhom jaħdmu fl-Art Imqaddsa.

**L-Imseħbin.**

Imseħbin fl-"Opra Pija" huma dawk li taw isimhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa flimkien ma' għajnuna ta' flus għall-ħtiġijiet materjali tas-Santwarji Mqaddsa.

Il-kitba fl-Opra Pija tista' ssir, jew għal sena biss, u l-ħlas ikun ta' xelin (1/-), jew għal dejjem, perpetwu, u l-ħlas hu ta' lira sterlina (£1).

Jistgħu jinkitbu wkoll il-mejtin.

**Zelaturi u Zelatriċi.**

Huma l-irġiel jew nisa mqabbdin mill-P. Kummissarju sabiex ixerrdu fost l-insara l-Opra Pija, ifehmulhom x'inhi, jiktbuhom fiha, jiġbru l-offerti u, flimkien ma' l-ismijiet, jaħsbu jibgħatuhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa.

**Ġid tar-ruħ mogħti mill-Papiet lill-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu lil kull Imsieħeb.**

1. Sehem mill-Quddies kollu, mit-talb, sawm, penitenzi, tgħakkis, pellegrinaġġi u għamil ieħor ta' ħniena li jsir fis-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa. (Il-Papa Piju, VI, f'Lulju 1778).

2. Indulġenza Plenarja fil-Milied, fil-Għid il-Kbir u fil-ħin tal-mewt.

3. Indulġenzi oħra Parzjali huma mogħtija għal kull nhar ta' Ġimgħa.

4. Lill-Isqfijiet u lill-Qassisin li jħabirku għall-Opra Pija hi mogħtija s-setgħa li jbierku l-Kurċifissi bl-għoti ta' l-Indulġenzi tal-Via Sagra u l-Kurdun ta' San Franġisk. (Ljun XIII, 26 ta' Ġunju 1894).

5. Aktar minn 30,000 quddiesa fis-sena jqaddsu l-Patrijiet Missjunarji tat-Terra Santa għal dawk miktubin fl-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu.

**Liz-Zelaturi u z-Zelatriċi.**

Indulġenza Plenarja speċjali fl-Istrina u nhar Santa Marija. (Papa Ljun XIII, 26 ta' Ġunju 1894).




# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

It-Tielet Sena — OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1957 — Għadd 4


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Kewkbet is-Sliema (Id-Direzzjoni) ... 98

L-EWWEL TAQSIMA — DAWL

Il-Kotba Mqaddsa (P. Serafin M. Zarb, O.P.) ... 99
Tieġ ta' l-Għarab Misilmin (Fra Elija, O.F.M.) ... 101
Għasir il-Għeneb (Fra Mosè, O.F.M.) ... 104
Il-Kotba ta' Qumran (Abu Dib) ... 106
Min kien Muħammed (Abu Għabdallaħ) ... 108

IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

Elgħażar ix-Xiħ (P.P. Saydon) ... 112
Twelid u Magħmudija f'Ċipru (P. Ubertinu Berti, O.F.M.) ... 114
Dak kien żmien ... 115
Mawra sa Betlehem (Pawlu) ... 116
Oqbra, Għadam, u Mejtin (Elsie) ... 119
Li ma kienux il-Franġiskani (Fra Mikiel) ... 121
Neriku t-Tieni Sultan ta' Ċipru (P. Marjanu Vella, O.F.M.) ... 122
Il-Għalqa tal-Ħommos (Ħanna l-Malti) ... 125

MINN HAWN U MINN HEMM

Aħbarijiet ta' Barra ... 126
Kifs il-Qamar fis-Salt (Ħanna l-Malti) ... 128


---


Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# KEWKBET IS-SLIEMA

*Il-baħar jagħrar f'taqliba ħarxa. Ħsejjes ta' tgargir fil-bgħid u textix u damdim fil-qrib. Il-ġifen jogħla mal-mewġ, u jitriegħed u jixxengel. Dlam magħqud, għax is-sema mgħotti bi sħab oħxon. Drabi tleħħ berqa u żżid il-biża', għax turi għal ħin wieħed il-waħx tal-idwar. Imsejken ġifen! Imsejkna baħħara!*

*Uħud sikru għal bil-għan, biex jinsew fejn huma u f'iex jinsabu. Oħrajn jitlewwmu biex joħonqu l-biża' u jtaffu d-dwejjaq. Ftit baqgħu siebra iduru mal-ġifen, isewwu fejn isibu l-ħsara; imħejjin għall-għarqa u l-mewt imma jittamaw u jixtiequ d-dawl u s-sebħ.*

*Fl-aħħar is-sħab inferaq, u minn ġewwa l-ferqa deher l-ikħal tas-smewwiet. Fuq l-ikħal dehret tiddi l-kewkba tas-Sliema. Isaw, ja baħħara! Hemm hija l-Kewkba! Ħaddmu t-tmunijiet! Dawwru l-ġifen u suquh lejn il-marsa ta' ħelsienkom*

* * *

*Hekk kienet id-dinja, mgħarra fost il-waħx u t-taħwid ta' bosta Pagani, imkabbrin u moqżieża, min-naħa l-waħda, u tal-ftit Lhud, xaqqarin u rashom jiebsa, min-naħa l-oħra. Ħadd, għajr xi bniedem sieber 'l hawn u 'l hemm, ma kien jaf x'inhu jagħmel. Taqriq u qtil; serq u żena. Id-dawl mirgun mid-dlam. Il-ġid magħlub mid-deni. Hekk kienet il-qagħda meta deher fid-dinja Ġesù.*

*Imma l-Kewkba tas-Sliema iddiet fuq Betlehem. Il-bniedem ra d-dawl fost id-dlamijiet. Bħal ma l-kewkba tal-baħar turi b'dijjietha liema naħa tinsab is-Sliema, hekk Ġesù, bi kliemu, wera x'kienet it-triq tas-sewwa. "Ja għażżenin il-moħħ u tqal il-fehma," qal lil bnedmin; "kemm sa ddumu mgħawma fil-qerq tagħkom? Kelli niġi jien biex infehemkom il hal tagħkom, li kien messkom ilkom li rajtuh b'għajnejkom? Id-dinja ma hix qagħad għal ulied Adam. Il-ħajja fuq l-art hija bħal fallakka fuq xmara, li mill-qatt tgħaddi għad-dejjem, li mill-ħin waqti tgħaddi għall-eternità. Issieħbu mela m'Alla, għax ma hemmx triq oħra biex taqtgħu x-xewqa tagħkom. Agħmlu l-ġid lil kull maħluq. Għinu 'l Alla li jseddaq ħulqienietu. Għożżu 'l kollox u lil kull ħadd, biex tixhdu li intom ulied Missierhom tas-sema, li għal kollox u kull ħadd italla' x-xemx u jniżżel ix-xita."*

*Mela, s-Sliem għalik, ja Ġesù Tarbija! Is-Sliem għalik, ja kewkba li tlajt minn Betlehem. Fid-dawl tiegħek irridu nimxu. Għalik id-dinja ma jkollhiex għajr xewk, għax il-ward tħallih għall-ulied tagħha. Wara ħajja qasira ta' tgħajjir u moħqrija tmut imsallab fuq salib. Tgħattik għal ftit żmien is-sħaba sewda tal-mewt, imma minn warajha targa toħroġ bi glorja u sebħ wisq aqwa minn ta' qabel. Itla' fil-għoli, ja Ġesù, ja Kewkba tas-Sliema, li għaliha ma hemmx għibien! Xerred fuqna d-dija tiegħek! Urina t-triq tas-saħħa fost il-hemm u l-egħżieb ta' din il-ħajja. Ilqa' lil ruħna fi ħdanek, meta toħroġ minn dal-ġisem tal-mewt. Għax int it-tama u s-sebħ tagħna f'din id-dinja tal-hemm.*

*Ja Ġesù, Kewkba ta' Betlehem, — Li bid-dija mqaddsa tiegħek,*
*Ġejt urejtna t-triq tas- tas-sewwa, — Deh, fis-sema ħudna miegħek!*

ID-DIREZZJONI.

# IL-KOTBA MQADDSA

Il-Bibbja hija l-ewwel u l-aqwa ktieb li qatt inkiteb; u nistgħu noqogħdu żguri li kemm iddum id-dinja wieqfa, ebda bniedem ma hu sejjer jikteb ktieb isbaħ u aqwa mill-Bibbja.

Il-Bibbja hi ktieb, jew aħjar, ġabra ta' kotba, li ma kienux miktuba minn bniedem wieħed, imma minn ħafna nies. L-ewwel kotba huma magħrufa bħala li kitibhom Mosè, li aktarx għex ħmistax-il mitt sena qabel Sidna Ġesù Kristu. U l-aħħar ktieb kien miktub minn San Ġwann l-Appostlu, li miet għal ħabta ta' għeluq l-ewwel mitt sena wara Kristu. Għalhekk, il-Bibbja damet tinkiteb madwar is-sittax-il mitt sena.

Din il-ġabra ta' kotba fiha mhux anqas minn tnejn u sebgħin ktieb, maqsuma f'żewġ taqsimiet, jew Testmenti: it-Testment il-Qadim, li fih ħamsa u erbgħin ktieb, u t-Testment il-Ġdid, li fih sebgħa u għoxrin ktieb.

Dawn il-kotba ma kinux miktuba bi lsien wieħed. Il-biċċa l-kbira tal-Kotba tat-Testment il-Qadim, miktubin bil-Lhudi; xi ftit oħrajn, kif ukoll l-Evanġelju ta' San Mattew, miktubin bl-Aramajk. U l-bqija miktubin bil-Grieg.

Sa minn qabel Sidna Ġesù Kristu, il-Kotba kollha tal-Bibbja kienu bdew jiġu maqluba f'ilsna oħra. Barra mill-Aramajk, kien jinsab qlib tagħhom bil-Grieg u bis-Sirjak. U fl-ewwel żmenijiet wara Kristu, il-Kotba kollha kienu malajr maqlubin fil-lsien Latin. Uħud mill-Kotba l-lum ma jinsabux aktar fil-lsien ewlieni li fih inkitbu, imma fi qlib ta' xi lsien ieħor, bħal ma hu l-Evanġelju ta' San Mattew.

Il-kittieba tal-Kotba Mqaddsa kienu aktarx Lhud, għad li nsibu fosthom xi wieħed barrani, bħal ma hu San Luqa. Ħafna minn dawk tal-Għaqda l-Qadima, inkitbu ġewwa l-Palestina. Ftit fil-Babilonja, u jista' jkun, xi wieħed fl-Eġittu. Dawk tal-Għaqda l-Ġdida nkitbu f'ħafna artijiet, fejn ħaslu kienu jinsabu l-kittieba tagħhom.

Il-kittieba ma kienux dejjem ta' għerf kbir, saħansitra nsibu fosthom nies ta' bla skola. Ma kinux dejjem għonja u tat-tajjeb, imma nsibu fosthom nies ta' nisel tas-slaten u nies fqar, ħaddiema. Mhux il-kittieba kollha kienu qassisin u leviti, imma hemm fosthom li kienu magħżulin minn Alla minn tajfiet oħra.

Fil-Kotba Mqaddsa jinsabu proża u poeżija; kitba ta' tagħlim, ta' storja, talb, priedki, ittri; f'kelma waħda, dak kollu li l-kittieba, imqabbdin minn Alla, deħrilhom li kellhom iħallulna bil-miktub.

Għaliex fuq kollox, dawn it-tnejn u sebgħin ktieb, miktubin matul sittax-il mitt sena, minn nies magħżula, f'artijiet u ilsna magħżula, f'għamla u fuq suġġetti magħżula, fl-aħħar mill-aħħar, ma humiex għajr Ktieb wieħed: il-Bibbja. U l-Bibbja ma għandhiex ħlief awtur wieħed, Alla, li għażel bħala għodda tal-kitba Tiegħu nies li fl-imħabba u l-ħniena Tiegħu deherlu li kellu jagħżel; u fl-għerf u t-tjieba Tiegħu ħabbrilna fiha dak kollu li kien meħtieġ.

Il-lum naraw il-Kotba tal-Bibbja miġburin fi Ktieb wieħed, u kull ktieb jinsab fil-post li jixraqlu, skond il-kittieb, iż-żmien, is-suġġett, il-għamla tiegħu u x'naf jien. Iżda ma għandniex naħsbu li dan kien hekk minn dejjem. Il-ġabra tal-Kotba Mqaddsa

fi Ktieb wieħed, kif tinsab il-lum, hija xogħol ta' bnedmin, li għandu wkoll l-istorja tiegħu.

Il-lum il-Bibbja hija mitbugħa fil-għamla ta' ktieb, jiġifieri faċċata wara faċċata, u ktieb wara ktieb; u kull ktieb magħżul f'taqsimiet, u kull taqsima f'versi. Din il-għamla ta' kotba ma kenitx minn dejjem. L-ewwel kotba ta' din il-għamla kienu sewwa sew il-Manuskritti tal-Bibbja l-aktar antiki, magħrufin bl-isem tal-Kodiċi Alessandrinu, Sinajtku u Vatikan, li fihom tifsir bil-Grieg tal-Kotba Mqaddsa tal-Għaqda l-Qadima. Il-lum insabu kotba bħalhom u aktar qodma, imma mhux ta' qabel Sidna Ġesù Kristu bħal ma huma l-bordi jew papiri magħrufin bl-isem ta' Chester Beatty.

Għall-ewwel il-kotba kienu jinkitbu fuq strixxa tal-ġild, imbagħad tal-pergamena, tal-papiri u fl-aħħar, tal-karta, jew aħjar, taċ-ċraret. Din l-istrixxa kienet tkun imgerbba fuq żewġ fusien, għal hekk il-ktieb kienu jgħidulu *volumen*, volum, mill-kelma *volvere*, tgerbeb. Meta wieħed kien jiftaħ il-ktieb, kien igerbeb fuq fus u jħoll minn fuq l-ieħor, u quddiemu kien ikollu kolonna-kolonna, il-kitba li l-lum narawha faċċata-faċċata. Meta l-ktieb kien jintemm, l-istrixxa kienet tkun maqtugħa; dan għadu jidher fil-kelma *Tom*, li ġejja mill-verb Grieg, *temno*, taqta'. Kull tom kien ikun merfugħ ġewwa kaxxa, bil-Grieg, *tewkos*, bħal ma naraw mill-kelma *Pentatewku*, ħames kaxex, li tfisser l-ewwel ħames Kotba tal-Bibbja, il-Kotba ta' Mosè. Kull kolonna kien ikun fiha għadd sewwa ta' versi, imsejħin *stiki*, u kull vers, għadd sewwa ta' ittri. U kull kolonna kienet tkun meqjusa mill-għadd tal-istiki li ikun fiha, kif ukoll il-ktieb kollu, *stikometrija*. Dan kien isir imħabba l-ħlas tal-kittieba li kienu jikkoppjaw il-kotba, u jitħallsu fuq il-għadd tal-istiki, jew versi, li l-ktieb ikun fih. Il-kitba kienet tibqa' dejjem sejra, jiġifieri, ma taqtax kelma minn kelma oħra, bla virgli u bla punti, u l-ittri kienu jkunu dejjem kbar, jew kapitali. L-ittri ż-żgħar, kursivi, daħlu fix-xogħol fiż-żmenijiet tan-nofs, meta l-kliem beda jkun mifrud kelma kelma, u naturalment, saru ħafna żbalji, għax m'hux kull ħadd beda jifred il-kliem xorta waħda.

Jekk wieħed kien irid jikteb ktieb, kien jista' jiktbu b'idejh, imma aktarx li kien jinqeda b'*ammanwensi* jew kittieb ieħor. L-awtur kien jiddetta, u l-ammanwensi kien iniżżel bil-kitba dak li l-awtur kien jiddetta. Jekk imbagħad l-awtur kien jeħtieġ ħafna kopji tal-ktieb tiegħu, kien iqabbad ħafna ammanwensi u hekk kien ikollu tant kopji, daqs kemm kienu jkunu l-ammanwensi. Ġie li wieħed kien jifhem ħażin u għal hekk drabi nsibu kliem f'dawn il-kotba li ma jaqbilx għal kollox.

L-ammanwensi kienu wkoll jikkuppjaw minn kotba oħra, jiġifieri m'hux dejjem kienu jiktbu taħt dittatura, u f'dawn il-kopji kienu jistgħu jsiru ħafna żbalji, bħal ma huma li wieħed jaqbeż minn kelma għal kelma oħra bħalha, jew itenni xi kitba li jkun kiteb, jew ma jagħrafx, jew ma jaqrax sewwa l-ktieb li jkollu taħt għajnejh, u hekk jibdel xi ittra jew kelma. Insomma fl-antik kienu jsiru ħafna żbalji, li l-lum ma jistgħux isiru, għaliex il-kotba mitbugħin huma dejjem xorta waħda f'kollox u għal kollox. Hu wisq meħtieġ li wieħed iżomm quddiem għajnejh dawn il-ħwejjeġ, sabiex meta jiltaqa' ma' xi kelma li ma tkunx taqbel ma' l-oħrajn, ikun jista' jfisser kif u minn fejn ġiet dik il-għażla, bejn żewġ kopji ta' ktieb wieħed.

Kif għedna, biż-żmien, il-Kotba

Mqaddsa ma żammewx dik il-għamla li kellhom fil-bidu, imma bħal kotba l-oħra kollha ħadu l-għamla li kienet użata fiż-żmien li xi kopja tal-Bibbja kienet issir. Il-Kotba Mqaddsa kienu maqsumin f'kapitli fiż-żmenijiet tan-nofs, aktarx mill-Kardinal Dumnikan, Ugo di San Caro, li flimkien ma' ħafna Patrijiet Dumnikani oħra kien għamel l-ewwel *Concordanza Biblica Verbali*. Għal dax-xogħol kien meħtieġ li l-kotba jkunu mqassmin f'kapitli u l-kapitli jew faċċati, imbagħad, mifrudin f'ittri, A, B, C, etc. Fis-Seklu Ħmistax, il-kapitli kienu mqassmin f'numri, jew aħjar, l-istampatur Etienne, daħħal fil-Bibbja tiegħu għadd fil-bidu ta' kull vers, jew aħjar, ta' kull propożizzjoni. B'hekk il-lum nistgħu nsibu malajr it-testi ta' l-Iskrittura, bħal meta ngħid: "Il-Vanġelu ta' San Ġwann, kap. 3, vers 5, fejn insib il-kelma ta' Ġesù: *Min ma jkunx mgħammed bl-ilma u b'Ruħ il-Qdusija, ma jidħolx fis-Saltna tas-Sema.*

Minn dan naraw kif saret il-Bibbja li għandna f'idejna u kif kienet fil-bidu tagħha. Darba oħra nitħaddtu fuq kif il-Kotba Mqaddsa jinsabu miġburin fil-Bibbja, u ta' liema ħtieġa hi li wieħed ikun jaf għaliex il-Kotba Mqaddsa għandhom dak il-post li l-lum jimlew fil-Bibbja.

P. Serafin M. Zarb, O.P.

---

# TIEĠ TA' L-GĦARAB MISILMIN

Il-Misilmin aktarx li jiżżewġu kollha. Fit-tnaxer sena li domt fl-artijiet tagħhom, qatt ma niftakar li smajt li xi Mislem baqa' għażeb jew xi Misilma baqgħet għażba. Hemm minnhom li jiżżewġu żgħar ħafna — jien naf tifel ta' ħdaxer sena li kien ilu miżżewweġ sentejn — u hemm ukoll li jiżżewġu kbar. Il-Mislem, milli jidher, jiżżewweġ meta jkun jista'.

"Għaliex?" isaqsi xi ħadd. "Mela mhux dejjem il-Mislem jista' jiżżewweġ?"

Le. Il-Mislem biex jiżżewweġ irid ikollu l-flus biex jista' *jixtri* l-għarusa. Jekk ma jixtrihiex, ikollu jibdilha ma' xebba jew tifla oħra, kif sa insemmi hawnhekk.

Bħalli kieku, raġel irid iżewweġ lil ibnu. Jekk ir-raġel ikollu l-ġid, jixtrilu għarusa; jekk ikollu l-bniet, jista' jibdel waħda mill-bniet tiegħu ma' waħda mill-bniet ta' raġel ieħor, imbagħad kull wieħed minn dawn il-misserijiet iżewweġ it-tifla l-barranija lil ibnu. Mhux il-misserijiet biss jistgħu jibdlu l-bniet, iżda l-aħwa wkoll, jekk il-missier ikun mejjet.

Il-flus għall-għarusa, jekk ma tkun qatt iżżewġet (jiġifieri ma tkunx armla, jew mitluqa minn żewġha) u tkun bint it-tajjeb u f'saħħitha, ikunu, jew kienu fi żmieni, xi ħaġa qrib il-mitejn lira. Jekk saħħitha tkun imtiefsa: għarġa, jew għajnejha mpeċpċin, jew ikollha xi nuqqas ieħor, tkun tqum xi mitt lira — siwi ta' flus Ingliżi.

Il-ftehim tal-għarusija jsir bejn missier il-għarus u missier il-għarusa. Jekk wieħed mill-misserijiet ikun mejjet, jidħol bdielu xi wieħed qarib tal-għarus (jew il-għarusa): ħuh, għammu, nannuh, imma dejjem raġel, għaliex mara ma tgħoddx. Il-ftehim isir quddiem l-ixjeħ u l-ixħar (l-aktar *onesti*) fost ir-rġiel tar-raħal.

Meta jsir il-ftehim, ma jagħmlux għors kbir. Iġibu l-kafè, sigarretti u xi ħelu Għarbi — mhux ħelu bħal ta' Malta, għamla oħra. Ma ngħidx kif inhu biex ma ntawwalx.

Il-għarus u l-għarusa ma jarawx lil

xulxin qabel ma jasal jum it-tieġ. Jum it-tieġ, wieħed min-nies il-għarus, imur iġib il-għarusa. Jagħti l-flus lil missierha quddiem ix-xhieda, u jrikkibha fuq ġemel, żiemel, jew bagħal. Ilbhima jkollha fuq daharha xi żewġ imtieraħ u l-għarusa jtellgħuha bilqiegħda fuq dawn. Tkun mgħottija bi star abjad, wiċċha mgħammad, u f'rasha jkollha mwaħħal xi rix taddundjani, u f'idejha t-tnejn, quddiemha, iżżomm wieqaf sejf. In-nies tarraħal kollha jinġemgħu biex jaraw jiġru biċċa triq, jisbqu wieħed lil ieħor, u jenġgħu lura. In-nisa jibqgħu wara l-għarusa, jgħannu jew iżgħartu.

Il-għana tagħhom ikun tifħir u xewqat tajba lill-għarajjes, magħmul f'*vers* wieħed. Mara tgħid il-*vers* u n-nisa kollha l-oħra jwieġbu f'daqqa, b'leħen wieħed. Bħal kieku l-mara tgħid: *"Ja Fâtme, għajjûnek suwed jilmgħu ke l-inġum!"* (Ja Fatma, għajnejk suwed jilmgħu daqs il-kwiekeb) u n-nisa l-oħra jgħidu kollha f'daqqa: *"Ja Fâtme, għajjunek su-*



**TIEĠ TA' L-GĦARAB MISILMIN**

**Tidher il-għarusa mgħottija b'liżar abjad, riekba fuq il-bagħla, u f'idejha żżomm ix-xabla.**

lill-għarusa sejra għand l-għarus tagħha; aktarx li jimxu n-nisa wara l-bhima u r-rġiel quddiem. Min ikollu xi żiemel jew debba jirkeb fuqha u jibda *jtâred*, jiġifieri, iġerri lura u 'l quddiem u 'l hawn u 'l hemm. Jekk ikun hemm bosta minn dawn il-firsien, jew nies fuq iż-żwiemel, jibdew itellqu: *wed jilmgħu ke l-inġum, ja Fatme!"* Iżagħartu, jiġifieri jraqqu leħenhom kemm jistgħu u jagħmlu: *lulululululu*!

Is-sabiħa tkun meta żewġ xebbiet għarajjes ikunu ġew mibdulin kif għedt l-ewwel, u jkunu sejrin bihom għand il-għarus ħin wieħed. Għarusa tkun ġejja minn raħal u sejra f'ie-

ħor, waqt li l-oħra tkun ġejja minn dak ir-raħal, biex tmur ir-raħal ta' dik ta' l-ewwel. Kull għarusa jkollha ġemgħa ta' rġiel u nisa u tfal magħha. Meta jiltaqgħu f'nofs it-triq iż-żewġ ġemgħat ta' nies jieqfu quddiem xulxin, jgħajjtu għajjat ta' l-imġienen. Jersqu lejn xulxin ix-xjuħ tan-naħa l-waħda u ta' l-oħra u jibdew jitkellmu fuq liema waħda mill-għarajjes għandha tgħaddi l-ewwel. Fl-aħħar, wara ħafna kliem, ix-xjuħ jaqbdu jagħtu. Malli jaraw dan ir-rġiel taż-żewġ naħat jaħbtu għal xulxin u kulħadd jaqbad jagħti bl-idejn: bl-oħtra, bil-ħaġar, b'xi muftieħ tal-ħadid (bis-skieken biss ma tistax) kulħadd mill-aħjar li jista': gdim, grif, ġbid ta' xagħar u ta' leħja, u demm nieżel magħhom. F'dan il-waqt in-nisa ma jiġġieldux imma joqgħodu ftit fil-bogħid iżagħartu biex jagħmlu l-qalb lir-rġiel tagħhom.

Meta jagħtu xebgħa sewwa, jerġgħu jiftehmu. Jibdlu l-għarajjes, u kull ġemgħa ta' nies terġa' lejn ir-raħal li minnu tkun ġiet, bil-għarusa magħha. Fit-triq jgħajjtu u jaqbżu kollha ferħana, donnhom ġejjin minn xi rebħa kbira.

Darba, fiż-żmien li kont hemm jien, fi ġlieda bħal dawn li qegħdin insemmu, li ġrat qrib raħal jgħidulu Bejt-Għatâb, sfaw midruba disa' min-nies. Tlieta fosthom kienu hekk ħażin li ħaduhom l-isptar, u ma nafx jekk ħarġux ħajjin minn hemm.

Meta jaslu r-raħal bil-għarusa, jeħduha mill-ewwel f'dar il-għarus u l-ġemgħa titqassam, ir-rġiel għalihom u n-nisa għalihom. Jagħmlu *għażîma,* jew għors, billi jieklu ikla ross u laħam tal-ħaruf. Jieklu b'idejhom, bla frieket jew imgħaref, u r-ross jgħaqqduh f'idhom, bħal boċċa, u jixħtuh ġo ħalqhom (għalhekk Malta għal min jiżżewweġ ngħidu: *jitmagħna ċappa ross,* għax fl-antik hekk ukoll kienu jagħmlu). Imbagħad in-nisa jġibu żewġ għudiet twal u jorbtuhom ma' xulxin għamla ta' salib, ilibbsuhom libsa mill-ħwejjeġ tal-għarusa u fir-ras ta' dan is-salib imlibbes idendlu sjett tar-ram. Jerfgħu fil-għoli dan is-salib bil-ħwejjeġ u jmorru jduru mar-raħal u jgħajtu u jżagħartu kemm għandhom saħħa.

Fil-għaxija j'xgħelu ħafna fanali quddiem bieb il-għarus, fit-triq iġibu xi żewġ għannejja tas-sengħa, u kulħadd joqgħod barra, jisimgħu l-għana, jiżfnu u jiċċajtaw, sakemm jgħejjew u jmorru jorqdu d-dar.

FRA ELIJA, O.F.M.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

Es-sigħar jagħtu l-asrar. Bil-Malti għandna qawl bħal dan xorta waħda: *Iż-żgħar jikxfu l-agħwar.* "Sirr" bil-Għarbi tfisser ħaġa moħbija, u l-plural tagħha "asrar".

El-weled li ma rabbah bajju, rabbah iż-żaman. Tfisser: *Dak it-tifel li ma jgħallmux missieru, tgħallmu d-dinja.* Hekk hu tas-sew, imma wisq aħjar għalih li jgħallmu missieru, għax min tgħallmu d-dinja bit-tiġrib tagħha, miskin hu, kemm ikollu jixrob imrar!

La tħalli lil-warrat illa weraq il-kurrat. "Illa" tfisser *ħlief,* il-bqija tal-kliem kollu jiftiehem sewwa bil-Malti.

# GĦASIR IL-GĦENEB

It-Taljani għandhom qawl li jgħid: *Il vino è latte dei vecchi,* li tfisser: *L-inbid hu ħalib ix-xjuħ.* U dan hu minnu, għax bħal ma t-trabi u t-tfal żgħar jeħtieġu l-ħalib biex jitrabbew, hekk ix-xjuħ u l-egħġejjeż jeħtieġu l-inbid biex jibqgħu jterfru. Ix-xjuħ, mingħajr xi qatra nbid, ruħhom f'ġisimhom ma tibqax.

Billi ħafna rħieb tal-Art Imqaddsa jkunu xjuħ, għax imorru hemm mill-provinċja tagħhom meta jkunu laħqu daħlu fiż-żmien sewwa, dik in-naqra nbid iridulha, għax inkella ħin bla waqt jaqgħu borġ. Għal hekk il-Franġiskani jaħsbu biex għall-ħabta ta' nofs Settembru jew ftit wara, jixtru l-għeneb, li dak iż-żmien ikun fl-aqwa ta' sajranu u rħis (għax il-Palestina ma hemmx ftit krum, jiġifieri għelieqi tad-dwieli) u jagħsruh u jagħmluh inbid.

Ma jagħmlux inbid fid-Djura kollha, imma naf li jagħmlu għax rajthom b'għajnejja f'Għajn Karem u f'Ġerusalem. F'Betlehem, ma nafx. F'Nazaret ma jagħmlux inbit, imma l-inbid tagħhom jixtruh minn għand il-Lhud ta' Ħajfa, u jista' jkun li ġie li jibgħatuhulhom mid-Dejr il-Kbir ta' Ġerusalem.

* * *

Mela, għall-ħabta tal-ħmistax jew l-għoxrin ta' Settembru, sa xi l-ewwel ta' Ottubru, tarahom lill-Għarab Fellaħin (jiġifieri dawk li jaħdmu fir-raba) ġejjin lejn id-Dejr bl-iġmla mgħobbijin bil-għeneb. Kull ġemel ikollu żewġ qratal għeneb imdendla, qartalla kull naħa, marbutin fuq dahru. Ġemel wara ġemel, deħlin fil-bitħa tad-Dejr. Hemmekk iħottu l-ħemel, u jkun hemm ajk Franġiskan bil-miżien, biex jiżen il-għeneb fih. Il-miżien ikun għamla ta' *ġenuflessorju* kbir, tal-ħadid, bi stasija żgħira, bir-rummana mdendla fiha, fil-fuqani tiegħu. Iqegħedu l-qartalla bil-għeneb fiha fuq il-maqgħad tal-miżien, u r-rummana li tkun imdendla mal-istasija, turi kemm ikun fih toqol. Ikun hemm raħeb ieħor ukoll bil-ktieb f'idu jikteb isem il-Fellaħ li jkun ġieb l-għeneb u l-użieni jew qnatar li jkun ġieb, kull wieħed għalieh. Żgħażagħ li jaħdmu fid-Dejr, imbagħad, iġorru l-għeneb għal ġewwa kamra mdaqqsa li tkun hemm fil-qrib.

Għax sewwa Għajn Karem kemm San Salvatur, Ġerusalem, qrib fejn jintiżen il-għeneb, hemm kamra mdaqqsa, l-art tagħha miksija bil-ħaġar tal-franka, u l-għeneb jingħasar hemm. Il-kamra magħmula bi tliet ħitan, u fejn kellu jkun ir-raba' ħajt, miftuħ għal kollox u jagħti għal ġewwa sala kbira taħt l-art, jew kantina, daqsiex. Għan-naħa tal-kantina hemm bħal ħanek tal-ħaġar u f'nofs dan il-ħanek, miżieb, li minnu jinżel il-meraq tal-għeneb huma u jagħsruh.

Ikun hemm xi sitta jew tmien żgħażagħ Għarab, hekk, ta' bejn is-sittax u l-għoxrin sena, li r-Rħieb iġegħluhom jaħslu saqajhom bis-sapun u s-sogħder u jisfuhom b'ħafna ilma nadif. Dawna mbagħad imorru jagħsru l-għeneb b'saqajhom kif ikun mixħut fl-art ġewwa l-kamra. Jerfgħu l-qumbas minn quddiem (il-qumbas huwa l-libsa tagħhom, li tkun donnu suttana ta' qassis, jinqafel fil-ġenb, b'buttuna waħda fil-għonq u jitħażżem f'qaddhom b'terħa jew ħżiem tal-ġild) u jehemżulu trufu taħt il-ħżiem. U mbagħad erħilhom iduru fuq il-għeneb, wara xulxin, jgħollu saqajhom, u jaqbżu u jiċċajtaw u jgħannu, donnhom qegħdin f'xi għors. Il-għeneb jitgħaffeġ; il-meraq tiegħu, jiġ-

ri u jġorr miegħu l-ħliefa tal-għeneb u jiżrob mill-miżieb. Mill-miżieb jinżel f'katusa li tieħdu ġewwa bettija kbira għall-aħħar, sa ma timtela bih. Kemm btieti jkun hemm għall-mili, minn dawn il-kbar, ma nafx.

Dax-xogħol idum sejjer, fil-għodu u fil-għaxija, għal kemm il-ġum, imma ftit qabel Għid San Franġisk (fl-4 ta' Ottubru), ikun waqaf. Nhar San Franġisk il-għeneb ikun magħsur kollu u l-bitħa tkun maħsula u nadifa millweraq tad-dwieli u l-frak tal-għeneb mill-ġdid.

* * *

Ġewwa l-btieti l-kbar li semmejt l-ewwel, wara ftit jiem, il-meraq tal-għeneb jeħmer u jibda jagħli u jbaqbaq waħdu. Taf xi jġiegħlu jeħmer? Dik il-għabra l-bajda li jkun hemm fuq il-qoxra tal-għenba. Għax dak ma jkunx trab li jaqa' fuq il-għeneb minn barra, imma għabra rqiqa li toħroġ mill-għenba nfisha u tħemmru. U għalhekk min jiekol il-għeneb bil-qoxra b'kollox, wara ftit imsarnu jibdew igergru, għax dik il-għabra ġġiegħel jeħmer il-meraq tal-għeneb fiż-żaqq ukoll.

Wara li jdum ibaqbaq xi żmien, il-meraq tal-għeneb, jehda. Imbagħad iħalluh joqgħod u wara li jissaffa sewwa, jieħdu minn dawk il-btieti l-kbar u jimlew bih ħafna btieti żgħar. Aktar ma jkunu qodma dawn il-btieti żżgħar, aħjar, għax l-inbid aktar jitjieb fihom. Imma jekk il-għuda tagħhom tilħaq tiqras, bdiel inbid, jagħmlulek ħall. Dana kollu smajthom jgħiduh, għax jagħsru l-għeneb rajthom kemm-il darba, imma fil-kantina fejn isir l-inbid ma nżiltx aktar minn tlieta jew erba' darbiet.

Darba r-Rħieb ta' Ġerusalem, biex jagħsru l-inbid kienu ġiebu mutur. Kienu jaqilbu l-qartalla tal-għeneb ġo dulebb u l-mutur jagħsru u jmexxi 'l isfel il-meraq u l-qoxra u l-għeruq tal-għenieqed itajjarhom 'l hemm. Imma għandu jkun li l-inbid magħsur bil-mutur ma ħareġx kif kellu joħroġ, bħal meta jingħasar b'saqajn il-bniedem (ara x'ħaġa!), u jekk m'iniex ngħarra, il-mutur ma baqgħux jaħdmu bih.

Iz-zkuk tal-għenieqed u l-qxur tal-għeneb li jibqa' f'qiegħ il-btieti, taħsbux li jarmuhom. Dawk jitfgħuhom fil-lampik u jieħdu minnhom ilma jaħraq, igħidulu *għaraq,* li jagħmluh xorb. Il-għaraq ma jkollux togħma tajba mill-ewwel, imma mbagħad iħalltu miegħu ħaġa donnha frak tas-sogħder u jiġi togħma ta' mastka. Ir-Rħieb jerfgħuh fi fliexken u nhar ta' Ħadd u għejjeda jieħdu qatra minnu f'tazza żgħira wara l-ikel, meta jmorru jitħaddtu ftit f'sala kbira li għandhom, igħidulha *divan.*

Din hi l-istorja ta' għasir il-għeneb fil-Palestina. Hemm xi ħaġa oħra x'wieħed igħid, imma jien ħallejtha barra biex ma ntawwalx wisq.

FRA MOSE' O.F.M.

## QWIEL TAL-PALESTINA

Ja mrabbi għajr waldak! Ja bani f'għajr ardak! Tfisser: *Miskin int li rabbejt ulied ħadd ieħor, u li bnejt fuq l-art tan-nies!* Għax meta trabbi lil xi ħadd li ma jkunx ibnek, meta jidhirlu, jitlaq u jħallik u kull ma għamilt jisfalek fix-xejn. Hekk ukoll jiġrilu min jibni fuq l-art ta' ħadd ieħor, għax jiġi sidha u jgħidlu: "Itlaqilna 'l barra." U n-nefqa li jkun għamel tmur mar-riħ. Ma għandniex xi ngħidu, dal-qawl u ta' qablu ma jgħoddux wisq għal Malta, imma għall artijiet tax Xerq.

# IL-KOTBA TA' QUMRAN

Bosta ħwejjeġ kbar milli fiha d-dinja, insabu, tista' tgħid weħedhom; jew, fi kliem ieħor, għax ħaslet ġiet hekk. Kemm hi ħaġa kbira l-*elettriċità*? Kif biddlet il-ħajja tal-bnedmin fid-dinja! U taf kif instabet? Sabha wieħed raġel Taljan miż-żrinġijiet. Qabad ftit żrinġijiet u qatagħlhom rashom u qaxxarhom biex jaqlihom (għax it-Taljani jiekluhom iż-żrinġijiet) u dendilhom fil-gallarija. Ma nafx kif messhom b'naqra ta' ħadida, u għad li mejtin, ferfru saqajhom kollha f'daqqa. Dak kien il-bidu; u minn dak il-bidu sar ix-xogħol *elettriku* kollu li hawn il-lum.

U kif saret it-tromba tal-għajnejn, li tara mill-bogħod? Żewġt itfal żgħar kienu jilgħabu bil-biċċiet tal-ħġieġ li jarmi missierhom. Qegħdu ħġieġa quddiem oħra, u raw kollox rasu 'l isfel u kbir. Qalu b'dan lil missierhom. U minn dal-bidu taċ-ċajt saru, ftit ftit, it-teleskopji tal-lum, li jġibulek ma' ġenbek ix-xemx u l-qamar u l-kwiekeb.

Hekk ukoll, tista' tgħid weħedha, saret l-akbar sejba tal-Arkeoloġija ta' żmienna. Insabet il-Palestina, għaxar snin ilu, fil-bidu tas-sajf tas-sena 1947 kif sa nsemmu hawnhekk.

Madwar il-Baħar il-Mejjet (naħseb li kull ħadd sama' bil-Baħar il-Mejjet, għax in-nies isemmuh ħafna) ma hemmx irħula, għax l-art mielħa u ftit wisq hemm ilma ħelu, u s-sħana li tagħmel, billi l-art għemiqa, iġġennen in-nies. Imma bejn il-Baħar il-Mejjet u Betlehem, f'dak il-barr u x-xori, jgħixu għadd ta' Għarab, kollha qraba ta' xulxin, jgħidulhom Ulied it-Tagħmira. Dawna jgħixu billi jirgħu l-għânem qrib xi għajn tal-ilma ħelu, fejn jinbet xi ftit ħaxix. U dari, meta kienu jistgħu, kienu jisirqu (issa ma nafx għadhomx) lin-nies li kienu jkunu sejrin it-Transġordanja. Darba fil-ġimgħa jitilgħu Betlehem u jbiegħu li jkollhom: ħalib, baqta, ġbejniet, suf u ġild tan-nagħaġ, u hekk.

Mela, jum fost l-oħrajn, fil-bidu tas-sajf għaxar snin ilu (kif għedt qabel) intebħu li mill-merħla intilfitilhom mogħża. Bagħtu jfittxha lil wieħed sabi, li, fittex u fittex, ma sata' jsibha mkien. Meta għejja, das-sabi, qagħad jistrieħ ftit fid-dell, taħt xifer ta' blata. 'Il fuq, ġewwa l-blat, quddiemu, jara fetħa ta' għar żgħir u tafa' ġewwa fiha ħaġra. Il-ħaġra għamlet ħoss donnha kissret xi ġarra. Tafa' ħaġra oħra u għamlet ukoll dak il-ħoss. Issabi xxabbat u ttawwal ġewwa ħalli jara dak il-ħoss x'kien. Isib li fil-għar kien hemm ħafna ġarar tal-fuħħar, uħud sħaħ u oħrajn miksura. Kien sa jidħol ġewwa jara fihomx flus, imma baża' li jkun hemm xi *resed,* jiġifieri, xi ruħ. Għalhekk, raġa' mar ħdejn sħabu u l-għada fil-għodu ftiehem ma' sabi ieħor u marru jidħlu fil-għar fejn kien hemm il-ġarar, flimkien.

Daħlu fil-għar u fetħu l-ġarar issħaħ. Uħud minnhom sabuhom fergħin u oħrajn kellhom ġewwa fihom xi ħaġa misrura f'biċċiet tax-xoqqa qadima u mmermra. Fetħu x-xoqqa u sabu fiha bħal fsieqi tat-trabi, magħmula mill-ġild, mibruma, twal u sewdenija. Ma għarfux x'setgħu kienu, imma għarfu li kienu tal-ġild, għal hekk l-ewwel darba li telgħu Betlehem ħaduhom magħhom biex ibiegħuhom lil wieħed li jsewwi ż-żraben, jismu Skandar Xaħin. Skandar xtrahom u xeħethom fl-art, fil-ħanut, maż-żraben qodma. Imma darba hu u jħares lejhom, intebaħ li kien fihom bħal kitba, għal hekk ħadhom Ġerusalem,

għand qassis Sirjan biex jifħażhom ftit. Il-qassis qallu li dawk il-ġlud aktarx kienu jiswew il-flus.

Il-Għarab kienu qalu lil taż-żraben li fil-għar kien għad baqa ġlud bħal dawka. Għalhekk hu mar ma' ħabib tiegħu, ifittex, u sab oħrajn u ħadhom Ġerusalem u ħalla kollox f'idejn l-Isqof Sirjan, biex iżommhomlu. L-Isqof ukoll tkixxef fejn kien il-għar u bagħat nies minn tiegħu jfittxu, li ġabru ħafna biċċiet tal-ġild bil-kitba, u l-ġarar il-miksura u l-biċċiet tax-xoqqa, irmewhom barra mill-għar. Wara l-Isqof beda jmur għand nies li jifhmu u jsaqsi biex jagħraf jekk dawk il-ġlud miktuba kenux tassew qodma. Fi Frar tas-sena ta' wara (1948) ħa ktieb minnhom fl-iskola tal-Arkeoloġija tal-Amerikani f'Ġerusalem, u hemm ingħaraf il-qedem u s-siwi ta' dawk il-kotba għall-ewwel darba. Imma kollox baqa' fis-skiet, u l-Amerikani qalu lill-Isqof li, billi kien beda l-ġlied bejn il-Lhud u l-Għarab, kien jaqbillu jieħu dawk il-kotba u jsiefer bihom lejn l-Amerika, kif ftit wara għamel tabil-ħaqq.

Sa hawn kien kollox sar bil-moħbi. Il-ħaġa nkixfet meta ħareġ il-għadd ta' April tal-"Bulletin" tal-Iskola Amerikana u wasal Ġerusalem, f'Novembru ta' dik is-sena. Għalhekk il-Ħakma tal-Ġordanja għamlet kull ma setgħet biex il-biċċiet ta' dawk il-kotba li kien baqa' jinżammu fil-għożża li tixirqilhom u jistudjawhom sewwa u jsir tiftix ieħor fil-għerien ta' dawk innaħat.

Tiftix sar, bis-sewwa jew bid-dnewwa, u għadu sejjer s'issa. Kotba oħra sħaħ insabu u biċċiet u frakiriet ma jingħaddux. Lill-Għarab kellhom iħallsuhom ifittxu, u l-biċċiet u l-frak li jsibu jixtruhom minn għandhom kull pulzier kwadrat żewġ liri u nofs (£2. 10s.)!

* * *

Imma dawn x'kotba huma? Isaqsi xi ħadd. L-aktar li hemm kotba tal-Bibbja, eqdem mill-kotba li jafu bihom s'issa b'ħafna mijiet ta' snin. Flewwel għar, dak li daħlu fih dak issabi u sieħbu, insabu seba' kotba u ħafna bċejjeċ. Il-kotba huma dawn: (1) ktieb sħiħ ta' Isaija; (2) ktieb ta' Isaija wkoll nieqes ftit; (3) ktieb tar-Regolamenti tar-Rħieb jew Eremiti Lhud li kellhom dawk il-kotba. (4) ktieb tal-għana ta' tifħir 'l Alla tar-Rħieb infushom; (5) il-Gwerra ta' Wlied id-Dawl ma Wlied id-Dlam; (6) tifsir fuq il-Bxara ta' Ħabakuk; (7) tifsir fuq il-ktieb tan-Nisel, bil-lsien Arami. Dawn is-seba' kotba biegħhom l-Isqof Sirjan fl-Amerika u daħħal tagħhom ma' dwar kwart ta' miljun dollar. Issa qegħdin fl-Università ta' Israel, Ġerusalem.

Fl-14 ta' Marzu, fis-sena 1952 ġewwa għar ieħor (għar 3), insabu żewġ kotba tar-ram aħmar, mibruma, li ma setgħux jiftħuhom, għax kienu mherrijin. Għalhekk bagħtuhom l-Università ta' Manchester u għamlu makna għalihom u qatgħuhom strixxi, u qrawhom hekk. Fihom miktub fejn ir-Rħieb kellhom moħbi t-teżor.

F'għar ieħor (għar 4) insabu eluf ta' biċċiet, kbar u żgħar, minn aktar minn erba' mitt ktieb. Ġewwa għar ieħor, ftit ilu (għar 11) insabu erba' kotba sħaħ, li għadhom ma fetħuhomx, imma mill-ftit li jidher minnhom jafu x'inhuma. Ktieb tas-Salmi ta' David, ktieb il-Levitku, ktieb bit-tifsir fuq Ġerusalem il-Ġdida (tal-aħħar tad-dinja) u ktieb bit-tifsir bil-lsien Arami fuq il-ktieb ta' Ġobb.

Fis-sena 1953 insab ukoll il-bini li fih kienu jgħixu dawn ir-Rħieb Lhud ta' żmien Kristu, li kellhom dawn il-kotba. Din il-ħerba kienet ilha magħ-

rufa, imma kienu jaħsbuha ti xi raħal qadim. Il-Għarab ta' dik in-naħa jgħidulha Hirbet Qumran. Għalhekk jien dawn l-erba' kelmiet semmejthom: "Il-kotba ta' Qumran".

ABU DIB.

# MIN KIEN MUĦAMMED

Min jaf kemm il-darba smajthom isemmu lil Mawmettu! B'danakollu aktarx li ma tafx Mawmettu min hu. Għax hawn Malta jinħaseb li Mawmettu hu alla tat-Torok, ħaġa li ma hi minnha xejn. L-ewwelnett, ismu ma kienx Mawmettu, imma Muħammed: igħidulu *Maometto* t-Taljani, għax ilsienhom ma jdurx. U Muħammed ma hux alla tat-Torok, imma l-Profeta l-Kbir tal-Misilmin. Il-Misilmin huma dawk in-nies, ta' liema ġens ikunu, li jistqarru d-Djiena Misilma, kif huma Nsara dawk kollha li jistqarru d-Djiena Nisranija.

Hawn se naraw mela, fuq fuq, il-ġrajjiet ta' dan Muħammed, sabiex dawk fost il-qarrejja li ma jafux jitgħallmu, u jekk isemmu lil Muħammed (mhux Mawmettu) ma jgħidux bluħat. U billi l-Palestina l-aktar li hemm Misilmin, ikunu jafu lil dawn in-nies min kien li waqqfilhom dinhom.

* * *

Muħammed twieled fis-sena 570 wara Kristu, fil-Mekka. Missieru kien jismu Għabd-Allaħ u kien mill-ħamûla jew *razza* tal-Qurajx, u ommu kien jisimha Emîna. Jingħad li missieru miet qabel ma twieled hu, u ommu mietet ukoll meta kien għad għandu sitt snin.

Meta Muħammed safa ltim għal kollox, ħadu jrabbih nannuh, li kien jismu Għad-il-Mutleb. Wara sentejn miet dan ukoll u lit-tifel ħadu miegħu għammu, jiġifieri ħu missieru, li kien jismu Tâleb. Dan ir-raġel kien fqir, għal hekk Muħammed kellu jaħdem biex jgħix. Ta' tifel li kien, kien imur jirgħa n-nagħaġ u l-baqar ta' wieħed qarib tiegħu. Daqs kemm kien iġib ruħu sewwa u jibża' għallbhejjem, kienu laqqmuh "Il-Emin", jiġifieri *il-fidil*.

Meta Muħammed kiber, daħħlitu jaħdem magħha waħda mara armla li kellha ħafna ġid, li kien jisimha Ħadiġa. Din ħallietlu ġidha f'idejh u kien ġej u sejjer jixtri u jbiegħ, fis-Surija, u b'hekk lil dil-armla żedilha l-ġid. Fis-sena 595 iżżewweġ lil dil-armla, li kienet akbar minnu ħmistax-il sena, u minnha kellu erba' bniet, Żejneb, Roqaja, Ħaltum u Fâtma. Jingħad li f'waħda mis-safriet tiegħu fis-Surija, iltaqa' ma' Raħeb Nisrani li għarrfu d-Din tal-Insara x'kien.

Sa xi tnax il-sena minn meta żżewweġ lil Ħadiġa, il-ħajja ta' Muħammed ma fiha xejn xi tgħid. Imma jingħad li dak iż-żmien kien iħobb jinġabar waħdu u jsum għal jiem sħaħ ġewwa għar f'ġebel għoli, qrib il-Mekka, jgħidulu Ġebel Ħira. Darba waħda, fis-sena 610, ġewwa dak il-għar, Muħammed ra l-Anġlu Grabiel. Kif ingħad wara min-nies li kienu jafu lil Muħammed, l-Anġlu deher quddiemu fil-għar u qallu: "Aqra!" Muħammed wieġbu: "Xi tridni naqra?" Għal dilkelma l-Anġlu qabdu minn għonqu u kien sa joħonqu, u raġa' tennielu l-amar li kien tah qabel: "Aqra, b'Ism Rabbak illedi ħalaqak. Ħalaq l-ensân minn għalaq. Aqra: wa Rabbak el-karam; elledi għallam bil-qalam.

Għallam lel ensân ma lam jagħlam!" Li tfisser: *Aqra, b'Isem Alla li ħalqek. Li ħalaq il-bniedem minn għoqda demm. Aqra: sidek huwa kerim bil-wisq u li bil-kitba tar-rixa għallem lin-nies dak li ma kienux jafu.*

Hemm oħrajn li jgħidu li l-Anġlu Grabiel deher lil Muħammed fuq ix-xefaq, u kull fejn Muħammed kien idawwar wiċċu, kien jara l-Anġlu quddiemu. U wara d-dehra, meta mar id-dar, beda jisma' f'widnejh min jgħidlu: "Ja Muħammed, jiena l-Qaddej t'Alla u inti r-Rasul t'Alla!" L-ewwel ma qal b'din id-dehra, kienet lil martu Ħadiġa, li emmnitu u baqgħet temmnu sal-aħħar, u għenitu kemm setgħet, wara, fit-tixrid tad-Din il-ġdid.

Barra minn din id-dehra, Muħammed baqa' jara d-dehriet, u wara kull dehra kien jintelaq u jaqbdu d-deni. Meta kien iħoss li ġejja d-dehra, kien igħid lil ta' madwaru: "Għattuni! Għattuni!" U darba kif kien imgħotti, kixfuh u sabuh kollu mxarrab bil-għaraq u aħmar nar.

Wara kull dehra minn dawn, Muħammed ġiegħel lil min jikteb xi taqsima (jew bil-Għarbi, sura) mill-ktieb imqaddes tiegħu, il-Qurân. U l-ewwel taqsimiet tal-Qurân huma sbieħ għall-aħħar u ma tistax taqlibhom sewwa f'lingwi oħra bla ma ttellifhom ħafna mill-ġmiel. Jinstemgħu donnhom għana, u l-ħoss tal-kliem huwa aħrax jew ħelu, kif titlob il-ħaġa li jkunu jfissru (ara l-kliem ta' l-Anġlu bil-Għarbi, kif ġibnieh fuq). Dan il-ġmiel ta' kliem kien raġuni mir-raġunijiet li għalihom il-Qurân xtered bil-ħeffa, għax il-Għarab jissaħħru fuq biċċa qari jew taħdit sabiħ.

Il-lum magħdud b'ħaġa minna li Muħammed ma riedx iqarraq bin-nies, imma kien jemmen li d-dehriet li kien ikollu kienu dehriet tassew u li l-kliem li kien igħidlu l-Anġlu biex jikteb, kien kliem t'Alla.

Meta Muħammed għaraf li Alla rie-



**Ix-Xiħ tal-Misilmin fuq il-Mejdna jgħajjat lil sħabu għat-talb u jgħidilhom: "Allaħ hu akbar! Axhdu inn la ilaħa illa Allaħ. Wa Muħammed Rasul Allaħ. Ejjew għala s-sala, ejjew għala l-falaħ!"**

du jsamma' l-kelma Tiegħu, dil-kelma beda jxandarha, għad li aktarx li ma kellux ħsieb li jagħmel Djiena ġdida. Hu ma kienx jagħmel ħaġa oħra għajr, mimli bil-ħeġġa, itenni l-kliem li minn għalih kien qallu jgħid Alla. Għall-ewwel kien jitkellem biss mal-qraba u l-ħbieb u dawk li kienu jafuh. U Alla li kien isemmi hu, kien dak Alla nnifsu tal-Lhud u ta' l-Insara. Għedna li l-ewwel waħda li emmnet it-tagħlim ta' Muhammed kienet martu Hadiġa. Warajha emmen ukoll bin oħt Muħammed, tifel, li kien ismu Għali. U mbagħad Abu Beker, li sar l-ewwel Ħalifa, jiġifieri ta' wara Muħammed, meta dan miet.

Muħammed beda jxandar 'l Alla-Wieħed fil-beraħ fis-sena 613, u l-ewwel ma bdew jeħduha miegħu fuq daqs hekk, kienu l-qraba tiegħu, tal-ħamûla tal-Qurajx, għax intebħu li jekk Muħammel kien iseħħlu li jġiegħel lill-Għarab jemmnu b'Alla Wieħed, huma kienu jmorru minn taħt u jonqsulhom is-saħħa u l-għana li kellhom. Daqs kemm għamlu bl-ikrah għalih u għal dawk li emmnu t-tagħlim tiegħu, li l-ewwel Misilmin, xi mija fil-għadd, kellhom jaħarbu għand l-Insara fl-Abissinja. Dan kien fis-sena 616.

Fis-sena 622 Muħammed ħarab għal Medina, li dak iż-żmien kien jisimha Jatrib. In-nies ta' Jatrib laqgħuh, għax kienu miftehmin miegħu minn qabel. Hemmhekk, id-Djiena l-ġdida ta' Muħammed, minn Djiena maħqura, saret Djiena tal-Ħakma u saret ukoll sies tal-pulitika. U Muħammed ukoll, minn bniedem mgħoddi biż-żmien, beda jsir ġellied u rebbieħ. Hu kien ħarab għal Jatrib wara li ftiehem maż-żewġ ħamuliet kbar li kien fiha u mat-tajfa kbira tal-Lhud li kienu jgħammru hemm. Muħammed wera li kellu għaqal kbir fejn kellha x'taqsam il-pulitka, għax waħda mill-ewwel għemejjel li għamel f'Jatrib kienet li biddel ir-rabta ta' bejn il-Għarab minn rabta tad-demm għal rabta tad-Djiena. Qabel il-Għarab kienu magħquda ħamûla-ħamûla, ta' ftit nies li jkunu qraba ta' xulxin, imma Muħammed ġiegħlhom jirtabtu f'rabta ta' kobor bla qjies, ir-rabta tad-Djiena, jiġifieri, ta' dawk kollha li kienu jemmnu b'Alla Wieħed u bih innifsu bħala Profeta tiegħu. Imbagħad, marbuta hekk flimkien il-Għarab ta' Jatrib bdew il-ġlied mal-qraba u għedewwa ta' Muħammed; in-nies tal-ħamûla ta' Qurajx, li fih qisu dejjem il-Misilmin ħarġu rebbieħa.

Sa hawn ma semmejniex ħlief waħda min-nisa ta' Muħammed. Qabel ma ngħaddu 'l quddiem ngħidu kelma fuq l-oħrajn.

Sakemm damet ħajja Ħadiġa, Muħammed baqa' magħha biss, għax kellu qima kbira lejha u hi kienet tiegħu ħsiebu bħal ommu. Imma Ħadiġa mietet fis-sena 618. Għalhekk Abu Beker, ħabib ta' Muħammed, taħ lil bintu bħal mara, li kien għad kellha seba' snin. Muħammed ma ħadhiex mill-ewwel, imma ħalliha sentejn oħra għand ommha. Kien jisimha Għajxa. Maltul dawn is-sentejn iżżewweġ mara oħra, armla, imdaħħla fiż-żmien, jisimha Sewda. Imbagħad, kif darba Għajxa kienet tilgħab bil-bandla ma' bniet sħabha, ommha għajtitilha, ħaslitilha wiċċha, maxtitilha, biddlitilha u ħadiha għand Muħammed u żammha. Wara żżewweġ lil Ħafsa, bint Għômar, li kellha 18-il sena. Darba Muħammed daħal għand Żejd (dan meta kien tifel kien waqa' lsir u xtraħ u rabbieħ Muħammed. Kien Nisrani u qaleb Mislem) u ra l-mara ta' dan liebsa mqaċċat, qiegħda taħsel. Kif raha, qal "Il-ħamdu 'l Allah rabb il-għeġûb, li jbiddel il-qulûb!" u telaq jiġri 'l barra. Meta Żejd għaraf li mar-

tu għoġbot lil Muħammed, telliaqha biex iżżewġet lilu. Imbagħad iżżewweġ lil Selma, armla ta' wieħed Abissin. Imbagħad lil mara jisimha Ġwajħra, u oħra jisimha Mejmuna u oħra jisimha Ħabiba. Barra minn dawn kellu tlieta oħra bħala nisa u wkoll qaddejja, li kien jisimhom Safija, Rajħâna u Marija l-Koptija. Dawn kollha kienu romol, barra Għajxa, li kif għedna meta ħadha Muħammed, kellha disa' snin.

Għedna li Muħammed f'Jatrib għaqqad taifa kbira Għarbija li temmen t'Alla-Wieħed. B'din it-tajfa beda jaħbat għall-ġirien li kienu għadhom Pagani (imma ma ħabatx għall-Insara u anqas għal-Lhud, għax kienu jemmnu huma wkoll b'Alla-Wieħed) u ħareġ rebbieħ fuqhom. Fost dawn rebħa kbira kienet dik imsemmija tal-Badar, li saret fis-sena 624. F'din ittaqbida l-Misilmin li kienu 300 biss għelbu 1.000 raġel mill-ħamula tal-Qurajx. Is-sena ta' wara kellhom taqbida oħra msemmija ta' l-Oħod, li fiha l-Misilmin rebħu u tilfu xorta waħda. Fis-sena 627 in-nies ta' Qurajx ħabtu għal Jatrib u għal ftit ma rebħuhiex. Ma ħaduhiex għax il-Misilmin laħqu madwarha ħaffru ħondoq. Imbagħad il-Misilmin ħabtu u għalbu għadd ta' Lhud qarrieqa, fil-masġar li jgħidulu tal-Ħajbar. U fl-aħħar Muħammed rebaħ il-Mekka, li kienet dejjem il-ħsieb ta' moħħu u x-xewqa ta' qalbu. Dan ġara fis-sena 630.

Meta rebaħ il-Mekka, Muħammed, kien fl-ogħla ta' kburitu u kotra kbira ta' nies bdew jemmnu bih u jingħaqdu miegħu. Il-ħbieb ta' Muħammed kellhom il-ħsieb li jibdew gwerra biex jirbħu lin-nies kollha tad-dinja u jġegħluhom isiru Misilmin, imma Muħammed miet fis-sena 632. Miet f'Jatrib, jew il-Medina, rasu f'ħoġor martu Għajxa. Hu u jmut karab karba u qal: "Allâh, ja Allâh". Il-ħtija ta' mewtu kienet aktarx is-semm li waħda Lhudija kienet għamlitlu fil-laħam tal-ħaruf, fil-masġar ta' Ħajbar.

ABU GĦABDALLAĦ.

## QWIEL TAL-PALESTINA

El ħamme, għakraba msemme. Bħal bil-Malti, *ħamma,* tfisser *omm il-mara.* Jiġifieri, omm il-mara ma hix ħlief tagħwiha għal żewġha u b'hekk jinqala' l-ġlied fil-familja u l-għelt fost nies id-dar.

Mart il-abb, la tħibb u la tinħabb. Jiġifieri: il-mara tal-missier, u la tħobb 'l ulied il-mara l-oħra anqas wlied il-mara l-oħra ma jħobbu lilha. Qawl qisu dejjem minnu.

Maktub fil-ġenne: U la ħama tħobb 'il kenne; maktub fis-sama: U la kenne tħibb 'il ħama. Ma hux meħtieġ li nfissru dawn iż-żewġt iqwiel bil-Malti, għax jiftiehmu sewwa. Hawn Malta wkoll ngħidu: "Kieku l-imdanna tħobb 'il kenna, l-infern isir ġenna."

Iben id-daje, ma lejh imħabbaje. Jiġifieri: *Għal iben il-qabla, ma hemm xejn moħbi.* Għax ommu hi l-ewwel waħda li tara l-bniedem meta jitwieled, imbagħad meta tmur id-dar tgħid kollox: dak għandu għaddsa hemm, u dak għandu felula hawn, u hekk.

Il-maħsda bejn il-ġiran, u l-bgħid bejn il-qirban. *Il-ġirien jgħiru għal xulxin u l-qraba jobogħdu 'l xulxin.*

# ELGĦAŻAR IX-XIĦ

Naħseb li kulħadd jafha l-istorja tal-Lhudi xiħ li ma riedx jiekol laħam tal-ħanżir biex ma jiksirx il-liġi u li, meta ħbiebu qalulu biex iġibulu laħam li seta' jieklu biex taparsi jiekol laħam tal-ħanżir u jeħles mill-mewt, għażel li jmut flok ma jagħti eżempju ħażin liż-żgħażagħ. Storja sabiħa li tgħallimna ngħożżu aktar ir-reliġjon u naħarbu kemm jista' jkun l-iskandlu.

L-istorja nafuha, imma ħa nħarsu lejha fid-dawl tal-ġrajja ta' dawk iż-żmenijiet. Kien it-tieni seklu qabel Kristu. L-imperu Persjan kien ilu li waqa' taħt il-qawwa tas-sultan żagħżugħ Xandru l-Kbir li firex is-saltna tiegħu mill-Baħar Mediterran sa truf l-Indja. Il-Palestina waqgħet taħt il-ħakma ta' Xandru. Kien għadu żagħżugħ das-sultan meta qabdu deni kbir. Meta ra li sa jmut u ma kellux min jiret is-saltna, sejjaħ il-ġenerali tiegħu u qassmilhom is-saltna sakemm ikun hemm min isaltan minn nislu. Imma nisel is-sultan kien meqrud kollu u dawk il-ġenerali baqgħu slaten huma u wliedhom. Wara ħafna ġlied il-Palestina waqgħet taħt idejn is-sultan tas-Sirja Antijokus. Il-pulitka tas-sultan Xandru kienet li jdaħħal kullimkien ilsien wieħed, reliġjon waħda u drawwiet waħda biex aktar igħaqqad is-saltna tiegħu. Ried sa-ħansitra li s-suldati tiegħu jiżżewwġu man-nisa tal-artijiet mirbuħa biex aktar igħaqqad dawk il-popli differenti. Is-slaten tas-Sirja mxew fuq l-istess politka u riedu jdaħħlu mhux biss l-ilsien Grieg qalb il-Lhud imma saħansitra d-drawwiet tagħhom u r-reliġjon tagħhom pagana. U xi wħud mil-Lhud dan għoġobhom u biex aktar jinħabbu mas-slaten, bdew minn rajhom jimxu fuq il-ħajja Griega. Bnew dak li llum ngħidulu *stadium* u hemm kienu jagħmlu logħob (sports) bħall-Griegi. Il-poplu kien imur jara u saħansitra xi qassisin kienu jitilqu s-servizz tat-tempju biex imorru jaraw il-logħob.

Għalkemm l-ispirtu pagan beda dieħel ġmielu fil-ħajja Lhudija, il-marda kienet għadha fil-qoxra. Il-Lhud, għalkemm kienu jridu jgħixu bħall-Griegi, bħal meta xi Malti jrid igħix la Ingliża, kienu jħossu ġo fihom li huma Lhud, li għandhom il-Liġi tagħhom u r-reliġjon tagħhom, u li ma kienu jistgħu qatt igħixu bħall-Griegi f'kollox. Il-moda Griega kienet fil-qoxra biss, mhux fil-qalba. Ruħ il-poplu kienet għadha Lhudija.

Meta sar sultan Antijokus Erbgħa, xejn ma għoġbitu dit-tiċliqa ta' ħajja Griega. Ried li l-poplu jkun Grieg tassew u f'kollox mhux fil-għajn biss. Biex idaħħal ir-reliġjon pagana u l-liġijiet pagani, kien jinħtieġ l-ewwelnett li jeqred ir-reliġjon Lhudija, li kienet ir-reliġjon ta' Alla Wieħed, u l-liġi tal-Lhud. Bdiet il-persekuzzjoni. Is-servizz tat-tempju spiċċa; l-artal kien ipprofanat għax fuqu twaqqfet xbiha ta' alla falz u saru sagrifiċċji ta' laħam tal-ħanżir, kontra l-liġi tal-Lhud. Il-poplu ma setgħax aktar jaqra l-Kotba Mqaddsa u ħażin għal dik l-omm li kienet tiċċirkonċidi t-tarbija tagħha. Din l-istorja naqrawha fil-kotba tal-Makkabin. Dawk li kienu xi ftit bierda fir-reliġjon malajr qalbu għar-reliġjon pagana, imma oħrajn żammew sħiħ. Fost dawk li żammew il-fidi sal-mewt hemm waħda omm u seba' wliedha u Elgħażar.

Fis sagrifiċċji tal-Lhud biċċa mill-

vittma kienet tinħaraq fuq l-artal, biċċa tmiss lill-qassis u l-bqija jeħodha r-raġel li jkun għamel is-sagrifiċċju u jiekolha hu u niesu fit-tempju. Mela darba sar sagrifiċċju ta' ħanżir. Dan kien kontra l-liġi. Wieħed Lhudi xiħ, u forsi oħrajn miegħu, kien imġiegħel jiekol minn dak il-laħam. Ma riedx. Qabdulu idejh, fetħulu ħalqu u bdew ideffsulu l-laħam ġo ħalqu. Quddiemu kien hemm ir-rota tat-tortura. Imma x-xiħ ma beżgħax. Beżaq minn ħalqu l-biċċa laħam li kienu daħħlulu u b'kuraġġ kbir beda miexi minn rajh lejn ir-rota li fuqha kellhom ikissrulu għadmu.

X'uħud minn dawk li kienu mqabbdin jagħmlu s-sagrifiċċju, li kienu Lhud maqluba, tħassruh u riedu jeħilsuh mill-mewt. Riedu jġibulu laħam li hu kien jista' jiekol, biex għal taparsi hu jkun qiegħed jiekol il-laħam tal-ħanżir. Issa l-ħkel ta' laħam li ma jiswiex, f'dawk iċ-ċirkustanzi, jiġifieri wara sagrifiċċju kien ifisser li wieħed telaq ir-reliġjon tal-Lhud u qaleb għar-reliġjon tas-sultan. U dan Elgħażar la ried jagħmlu u anqas ried juri li taparsi qiegħed jagħmlu. Għax dan il-mezz biex jeħles mill-mewt jew isir jafu kulħadd jew ma jkun jafu ħadd ħlief dawk li jkunu ġiebulu l-laħam. Jekk isir jafu kulħadd, ikun jafu s-sultan ukoll u jerġa' jġiegħlu jiekol il-laħam tal-ħanżir; jekk ma jkun jafu ħadd, kulħadd jaħseb li Elgħażar qaleb għal-liġi pagana u b'hekk ikun jagħti eżempju ħażin u jħajjar oħrajn biex jagħmlu bħalu. Għalhekk Elgħażar ma riedhix il-ħniena li riedu jagħmlu miegħu dawk ir-rġiel u baqa' jżomm sħiħ u ħalla ħajtu fuq ir-rota taħt is-swat tal-kiefra, martri tar-reliġjon ta' Alla Wieħed, fi żmien il-persekuzzjoni ta' Antijokus Erbgħa.

L-istorja ta' Elgħażar hi għajn ta' tagħlim. Bħal Elgħażar in-nisrani għandu jżomm sħiħ fil-fidi sal-mewt, sal-martirju. Il-persekuzzjonijiet u l-ħruxija tat-turmenti ma għandhomx ibeżżgħuna. Din hi l-istorja tal-martri kollha. Barra minn dan għandna nibżgħu dejjem bħal Elgħażar mill-eżempju ħażin. Seta' Elgħażar kiel mil-laħam li ma kienx kontra l-liġi. Iżda mbagħad? X'kienu jaħsbu l-Lhud l-oħra? Li Elgħażar qaleb. U jekk bniedem bħal Elgħażar qaleb, mhix ħaġa kbira li jaqleb min hu inqas minnu. L-eżempju dejjem jiġbed, imma l-eżempju ħażin tal-kbir jiġbed kotra għall-ħażen. U x'kien sa jirbaħ Elgħażar kieku qagħad għal li riedu ħbiebu? Erbat ijiem ħajja. Forsi sena jew tnejn. L-aħjar ta' ħajtu kien għadda. Issa xjieħ. Jistenna l-mewt. U kemm jista' jgħix aktar? Għal sena, sentejn oħra jħalli tebgħa kerha fuq ismu u jagħti eżempju ħażin lil ħafna żgħażagħ? Il-ħajja ta' dejjem hija wisq aħjar minn din il-ħajja, u iblah hu min jibdel il-ġenna ma' erbat ijiem ħajja f'din id-dinja.

P.P. SAYDON.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

Min ma jaduq il-morr, ma għaraf teghmet il ħelu. Hekk hu mitt darba u elf. Għal hekk hawn id-deni fid-dinja, għax kieku ma hawnx deni, anqas ma kien ikun hawn ġid.

Is-sahra, awalha żahra aħħarha qahra. *Is-sahra, għall-ewwel ħliqa u għall-aħħar diqa.* Għal fil-għaxija, qabel ma torqod, titħenna titħaddet mal-ħbieb, imma meta jagħfas il-lejl u jagħtik in-nagħas tiddejjaq.

# TWELID U MAGĦMUDIJA F'ĊIPRU

Minn awl id-dinja l-misterju tat-tnissil tal-ħajja dejjem għaġġeb il-bniedem u ġiegħlu jaħseb u juri lejh qima kbira. In-nies tal-qedem kienu jżommu li t-tnissil hija xi ħaġa tassema, u kienu jġarrbu li jifhmuh u jieħdu sehem fih b'għemejjel tas-saħarijiet jew tad-djiena. Dawn il-għemejjel saru drawwiet u baqgħu jsiru, b'xi tibdil, sa żmienna, billi ġens jgħallimhom lil ġens ieħor li jiġi warajh. Kull nisel u ġens ibiddel, iżid jew inaqqas, biex id-drawwa titqabbel mal-pajjiż, maż-żmien u mad-din tan-nies li jħarsuha.

Sal-lum, fir-rħula ta' Ċipru għad baqa' ħafna fdal minn dawn id-drawwiet qodma u n-nies ta 'hemm għadha tħarishom u temmen bihom bla ma tifhimhom, bħal ma jagħmlu t-tfal iżżgħar. Ngħidu xi ħaġa minn dawn id-drawwiet, għax ta' min ikun jafhom, u f'Malta wkoll għad baqa' fdal ta' drawwiet jixbhuhom.

Meta mara ikun sa jkollha tarbija, toqgħod b'sebgħa għajnejn li ma tmiss ma' l-ebda xorta ta' bhima jew ħaġa għariba, għax jaħsbu li t-tarbija li titwieled tkun tixbah lil dik il-bhima jew ħaġa għariba li l-omm tkun messet magħha. Bħall-kieku, jekk omm tara serp, jew xadin. tagħmel salib fuq żaqqha b'subgħajha l-beħem u tgħid: "Panajia mu. katalijie ton kakôn". jiġifieri: "Madonna tiegħi. eqred il-ħażin". Jemmnu wkoll li jekk mara li ikun sa ikollha tarbija tixtieq tiekol jew tixrob xi ħaġa u ma tkunx tista', jekk dak il-ħin tħokk x'imkien minn ġisimha. it-tarbija meta titwieled, ikollha xi ħaġa tixbah lil dak li xtaqet ommha, f'ġisimha, sewwa sew fejn ħakket l-omm.

Waqt il-ħlas, il--qraba ta' l-omm, li jmorru għandha, għal li jista' jinqala', jixegħlu tliet xemgħat fuq dahar ta' siġġu u jibdew isejħu lill-Madonna u lill-Qaddisin, bla ma jaqtgħu (donnhom qegħdin igħidu litanija) biex jiġu jgħinu lil dik l-omm fit-tiġrib tagħha. Malli t-tifel jitwieled, iroxxuh kollu kemm hu bil-melħ irqiq, biex meta jikber, ġismu jiġi malajr u ma jkunx dieni. Il-melħ jingħata lill-qabla minn idein xi ħadd mill-qraba li jkun imgħoddi ta' bil-għaqal, biex it-tifel, meta jikber, ikun bil-għaqal ukoll, jixbah lilu. Imbagħad iġibu qmis ta' xi ħadd mill-qraba li jkun raġel tajjeb, jagħmlu toqba fiha bil-ħruq ta' xemgħa, ilibbsuha lit-tarbija kif tkun bil-melħ b'kollox, u jħalluha hekk bla ma jaħsluha għal xi jum jew jumejn, kif tkun l-arja, riħ fuq jew riħ isfel.

Meta jasal iż-żmien biex jaħslu t-tarbija, fl-ilma li jkunu sa jaħsluha fih, jixħtu seba' lewżiet, li mbagħad jerfgħuhom saż-żmien li fih it-tifel ikollu s-snien biex jiekolhom. Xi drabi s-seba' lewżiet jiżirgħuhom b'isem it-tifel. Mill-jum li jitwieled it-tifel sat-tielet jum, ma jitneħħiex minn ma' ġenb ommu, fi friex wieħed. Fis-seba' jum wara t-twelid, jagħmlu għmila li jgħidulha: "Il-għeliema tas-Salib". U f'dak il-jum, tiġi l-qabla, u tqajjem lill-omm mill-friex u tmexxiha minn kamra għal kamra, bil-qraba ta' l-omm jimxu warajha. F'kull kamra li tidħol, tagħmel salib bin-nora fuq kull wieħed mill-erba' ħitan, u tgħidlu: "L-għodwa t-tajba, ja ħajt dari! Bħal ma jien qatt ma għamiltlek ħsara, hekk int ukoll la tagħmelx ħsara lil ibni!"

Meta jaslu ħdejn il-bieb ta' barra, jiftħuh u joqogħdu jħarsu 'l barra. Lill-ewwel bniedem li jgħaddi minn

hemm, jagħtuh ħbejża. U jekk dan il-bniedem ikun mara, jemmnu li l-ewwel tarbija oħra li jkollha l-omm tkun tifla; jekk ikun raġel, jemmnu li jkun tifel. Wara t-tberik tal-ħitan, is-sir ikla, għall-qraba ta' l-omm u l-qabla.

Matul is-sebat ijiem qabel it-tberik tal-ħitan, l-omm ma titħalla qatt weħedha, għax jibżgħu li jiġu l-ħorsien nisa u jekk isibuha weħedha jagħmlu xi ħsara, lilha jew lit-tarbija.

Għal erbgħin jum wara l-ħlas, l-omm tkun magħduda bħal imniġġsa, u ma tistax tidħol fi knisja.

Jekk it-tarbija tkun qawwija u sħiħa, ma jgħammduhiex qabel erbgħin jum fuq it-twelid. Il-magħmudija ssir fil-knisja, u l-parrinu jrid jieħu ħsieb ta' kollox. Fil-magħmudija l-omm trid tibqa' d-dar u t-tarbija tkun meħuda l-knisja jew mill-qabla jew minn xi ħadd li jkun qarib sewwa ta' l-omm. l-parrin, miexi mal-qassis, jidħol fil-knisja u jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-qassis f'isem it-tifel. Il-qassis isaqsih: "Tiċħdu lix-xitan?" U l-parrinu jwieġbu: "Iva, niċħdu". Il-qassis jgħidlu: "Mela, obżoqlu f'wiċċu!" U l-parrinu għalhekk jobżoq fl-art, fil-knisja, tliet darbiet wara xulxin. Waqt il-magħmudija, il-parrinu u l-qabla jżommu xemgħa mixgħula f'idejhom. Il-magħmudija ssir billi l-qassis jaqbad lit-tifel b'idejh it-tnejn u jgħaddsu fl-ilma ġismu kollu, tliet darbiet. Imbagħad jidilkuh biż-żejt li jkun miġjub minn għand il-Patrijarka ta' Kostantinopli. Il-parrinu għandu wkoll iwiegħed li jieħu ħsieb tat-tagħlim tat-tifel, meta jikber.

Meta ssir il-magħmudija, u l-parrinu u l-qabla jerġgħu lejn id-dar, l-omm tkun qiegħda tistennihom fuq l-għatba tal-bieb, u malli jaslu, tbaxxi rasha quddiemhom għal seba' darbiet u titlobhom maħfra. Imbagħad iġegħluha twiegħed li għandha tieħu ħsieb it-tifel u żżommu fit-twemmin Nisrani sakemm ikollu seba' snin, flimkien mal-parrinu.

Il-parrinu jkun meqjum wisq minnies it-tifel l-imgħammed, u jekk jaġrawh għaddej, u jkunu bil-qiegħda, għandhom iqumu u jbaxxu rashom quddiemu. Dik inhar tal-magħmudija, sa fil-għaxija, jieklu u jixorbu u jagħmlu għors bis-saħħa tat-tarbija.

P. Ubertinu Berti, O.F.M.

---

## DAK KIEN ŻMIEN!

In-naħa tax-Xerq ta' Betlehem, ħames mili u rebgħa bgħid minnu hemm raħal żgħir tal-Għarab jismu Ħirbet Ġeħdom. F'dan ir-raħal jidhru fdalijiet ta' Dejr tar-Rħieb Griegi ta' mijiet ta' snin ilu. Il-Franġiskani ħaffru ftit f'dan il-fdal u fost ħwejjeġ oħra sabu ġebla ta' fuq qabar b'kitba bil-Grieg li tgħid hekk: "*Kyrie Iesey Khriste. Eleison ton tapeinon Elias. Kai anapaison ton doulon sey. Meta ton hagion.*" Li tfisser: "Mulej Ġesù Kristu, Ħenn għall-imsejken Elija, U agħti l-mistrieħ lil qaddej tiegħek, fost il-qaddisin!"

Xi kliem ħelu! Xi kliem ħafif u ħiereġ mill-qalb! Dawk kienu Nsara! Sa f'erba' kelmiet ta' fuq qabar jinħass it-twemmin sħiħ li kellhom f'qalbhom. M'hux bħalna ta' daż-żmien, Insara tal-formli u tat-tlablib, u f'qalbna ma għandna xejn jew qisu xej!

# MAWRA SA BETLEHEM

It-tobba tal-moħħ, dawk li jifhmu fil-Għelm li jgħidulu Psikoloġija, jgħidu li kotra kbira mill-ħolm li noħolmu bil-lejl, ma jkunx ħaġ'oħra għajr *qtugħ ta' xewqat* li jkollna bi nhar. Jiġifieri li l-bniedem ikollu xi xewqa li ma jistax jaqtagħha, u għal hekk il-Ħsieb, la ma jistax jaqta' dik ix-xewqa fil-ġraj u bi nhar, jistħajjel li qiegħed jaqtagħha fil-ħolm, bil-lejl.

Hekk ġrali jien id-darba l-oħra. Billi meta kont il-Palestina, għall-ħabta tal-Milied (nharu, jew ftit qabel jew ftit wara) kelli d-drawwa li mmur mawra sa Betlehem u nżur żjara lill-Għar Imqaddes, issa, meta jasal dak iż-żmien, għadni nħoss ix-xewqa li nagħmel bħal ma dari. U darba waħda, billi moħħi ma satax jaqta' x-xewqa bis-sewwa, fis-senbih, deherlu li kellu jaqtagħha bil-ħjiel, fir-rqad.

* * *

Kienu xi l-ħdax ta' bil-lejl u tlajt biex norqod. Kont għajjien mejjet, għax tkun għajjien wara tlittax-il siegħa xogħol. Xaqlibt il-friex, għollejt ftit l-imħaded (għax rasi nħobbha daqsxejn għolja) u dħalt bejn il-lożor. Ħriġt is-sarġa, jiġifieri *t-torch light* mill-kaxxun tal-komodina u qegħedtha fejn nilħaqha. Tfejt id-dawl u meddejt rasi u għalaqt għajnejja u bdejt inkanta kemm-kemm nistama' biex ma nsembaħx il-ġirien:

*Adeste, Fideles, laeti triumphantes,*
*Venite, venite in Bethlehem!*

U kif dan, bdejt nara bħal ħafna wċuħ tal-Għarab u roti jduru u siġar jiġru lura u ħrief jaqbżu. U fl-aħħar, meta d-dehra ċċarat, sibt ruħi f'Ġerusalem, f'naħa li nafha sewwa, fejn igħidulu Bab il-Ħalil. Kont wieqaf ma' ħafna nies u fil-ġenb kien hemm qatigħ karrozzi, kbar u żgħar. Minn bieb ta' karrozza ħamra, qisha l-karrozza ta' Birkirkara, ħareġ Għarbi jgħajjat: "Bejt Leħem! Bejt Leħem, Għala Bejt Leħem!" Din hi l-karrozza ta' Betlehem, għedt f'qalbi. Ħalli nirkeb fiha malajr.

Irkibt. Ġewwa kien hemm ħafna Għarab, irġiel u nisa, bil-qiegħda fuq bankijiet, mhux tnejn tnejn, bħall-karrozzi ta' Malta, imma saff saff, ma-tul iż-żewġt iġnub. Kien hemm xi tnejn ukoll lebsin bħan-nies ta' l-Ewropa, imma billi f'rashom kellhom it-tarbux, qtajt li kienu Għarab ukoll. Fin-nofs tal-karrozza sewwa kien hemm mogħża mimduda, tixtarr, mar-buta b'ħabla, li kien iżommha wieħed Għarbi xiħ.

Il-karrozza telqet. U l-ewwel inżilna niżla, imbagħad għaddejna minn fuq pont, imbagħad tlajna ma telgħa n-naħa tal-lemin, imbagħad għaddejna min-nofs naqra ta' raħal ġdid u nadif, jismu Talbiot, kollu djar żgħar, maqtugħin kull dar għaliha, imdawrin bil-ħdura u xi siġra 'l hawn u 'l hemm. Bqajna sejrin ma' triq miksija bl-asfalt, bil-għelieqi kull naħa jħaddru bis-siġar taż-żebbuġ. Inżilna niżla u fuq il-lemin tagħna kien hemm Dejr, jew *kunvent*, qadim: Sant'Elija, tal-Griegi. Imbagħad bqajna sejrin għall-wita' u wasalna ħdejn bħal knisja żgħira bil-koppla fejn jgħidu li hi mid-funa Rakel, il-mara ta' Ġakobb. Fil-lemin kien hemm raħal żgħir fuq għolja, li naf li jgħidulu Bet-Ġagħla.

Daqsxejn 'l hemm it-triq inferqet fi tlieta: waħda, fuq il-lemin, tieħu lejn il-Għadajjar, jew Borok, ta' Salamun; ta' fuq ix-xellug tgħaddi minn taħt Betlehem u titla' għal quddiem il-Bażilika sewwa, u ta' quddiem tgħaddi min-nofs Betlehem, minn qalb id-djar, u tibqa' sejra għal quddiem il-Bażilika wkoll.

Għedt f'qalbi: "Aħjar ninżel hawn u ngħaddi minn qalb id-djar u nħares lejn il-ħwienet. Aktar ma nara minn Betlehem, aħjar".

Hekk għamilt. Għedt lil tal-karrozza biex iwaqqaf, u nżilt. Bqajt sejjer u tlajt telgħa fil-bidu tal-belt. Mal-lemin kien hemm żewġ ħaddedin isammru fuq il-ħadid mikwi, bl-inkwina u l-forġa u l-manfaħ, xorta waħda bħal Malta.

Tlajt fuq ix-xellug. Id-djar żgħar, imbajdin bil-ġir sa nofshom, qishom id-djar 'il-qodma fit-trut tar-raħal ta' Malta, u kull kemm tara xi salib magħmul bil-ġir fuq il-bieb, kif drabi jagħmlu n-nies tar-raħal ta' Malta wkoll. Hemm xi *mastrudaxxa* (hawn jgħidulu *naġġar*), iħanxar xi għuda taż-żebbuġ, hawn ħanut tal-ħelu, bil-kaxxa tal-ħġieġ bil-ħelu fiha, fil-bieb, u xi logħob tat-tfal imdendel mas-saqaf. U ftit 'il hemm kien hemm ħanut li billi ma hawnx bħalu Malta, waqaft quddiemu u ħarist 'il ġewwa wkoll.

Fid-daħla kien hemm xi ħames irġiel fl-art bil-qiegħda. Kellhom f'idejhom kull gajdra daqshiex, min iħanxar fiha b'xi munxar, min jobrox u min itaqqab. "Nħarkom sagħid!" għedtilhom, għax, jien naf xi ftit bil-Għarbi. "Nħarek sagħid", weġbuni u bqajt sieket inħares għal ftit.

"X'hu tixtagħlu?" (x'intom taħdmu), staqsejthom jien. "Sadaf" (madreperla) wieġeb wieħed minnhom. "Nagħmel masabaħ u sulban, xuf!" (nagħmlu kuruni u slaleb, ara!).

"Ma aħsenhom!" (kemm huma sbieħ!), għedt jien u sellimt u bqajt sejjer. Hemm ma jistagħgħbux għax tħares lejhom u tistaqsihom, għaliex dawn huma ġrajja li jiġru ħafna drabi kuljum.

Bqajt nieżel in-niżla u għaddejt minn taħt bħal ħnejja. Bdejt tiela t-telgħa. Fil-quċċata tat-telgħa hemm ħanut tax-xorb u tal-kafè, u quddiemu naqra ta' misraħ u f'nofs il-misraħ rigla għolja u fuqha fanal tal-ħadid, bħal dawk li kien hawn minnhom Malta fl-antik. Tlajt fuq ix-xellug u għaddejt minn triq qasira u dejqa, kollha ħwienet tal-laħam, fuq iż-żewġt ignub.

Fil-biebien tal-ħwienet kien hemm ħrief maqtula, imdendlin u mżejnin bil-karti tad-deheb u tal-fidda, imwaħħlin ma' ġildhom. Kollha kienu ħrief. U la ħniezer u anqas barrin.

Minn hawn għaddejt għall-misraħ il-kbir ta' Betlehem. Hawn fil-bidu tal-Misraħ kien hemm ħafna Għarab bil-qiegħda jbiegħu l-ħbula u s-skieken u mgħazaq u ttietaq tal-ħġieġ ta' Hebron — ftiexken, kieb żgħar, *brazzuletti* (hawn jgħidulhom "asawer"), għajnejn, bil-għoxrieqa biex jiddendlu u tfietes oħra kollha tal-ħġieġ. Xi ħaġa bħal ma għadhom ibiegħu ħdejn xi knejjes tar-raħal hawn Malta, nhar ta' Ħadd fil-għodu, drawwa qadima li qiegħda tinqata' ftit ftit.

Il-Misraħ kbir ħafna. Qisu xi daqs il-Misraħ ta' quddiem il-Palazz, tal-Belt, hawn Malta. Fuq ix-xellug hemm il-Għassa tal-Pulizija bil-bandiera tperper fuqha. Mal-lemin, bini għoli, b'ħitan qodma suwed biż-żmien u b'kemm xemx u xita daqqet fuqhom kemm ilhom mibnija. Quddiem, il-Knisja, jew Bażilika, tat-Twelid tal-Bambin, qadima għall-aħħar, bil-ħitan mirfuda bid-dniefel biex ma jaqgħux u l-bieb tagħha mċekken għal tliet darbiet, mhux issa, imma min jaf kemm ilmitt sena ilu.

Bqajt sejjer in-naħa tal-knisja. Maġenb il-bieb tagħha kien hemm erbat itfal jilgħabu l-boċċi. Kienu ndaf u qawwijin u ħomor u fuq ruħhom, u lebsin bħat-tfal ta' l-Ewropa, imma f'rashom kellhom it-tarbux. "Gulltak, Jusef!" qal wieħed minnhom kif ta-

ta' l-bocca fuq ta' siehbu. "Tara?" ghedt jien f'qalbi. "*Bocca*, hawnhekk ighidulha *golla*. Niftakar, bocca kbira tal-hagar, il-Qrendi, smajthom ighidulha *golla* wkoll".

Dhalt gewwa l-knisja baxxuit, il-ghaliex il-bieb li hemm huwa hekk zghir, li anqas jien li m'iniex mit-twal, ma nghaddi wieqaf. Kif dhalt, sibt ruhi gewwa bhal qatgha, fejn dari, fil-bidu tad-Djiena Nisranija, meta nbniet dil-knisja, kienu joqoghdu gharkubbtejhom jibku l-midinbin, u jitolbu lil min jidhol biex irahhmilhom ma' l-Isqof halli jfittex jahfrilhom.

Ghaddejt minn bieb iehor u dhalt gewwa l-Bazilika. Kienet kbira u qadima b'zewg saffi kolonni fuq kull l-elf u sitt mitt sena li ilha mibnija. Ja hitan, kieku tistghu titkellmu u tghiduli!"

Bqajt diehel 'il gewwa. Ghaddejt minn bejn il-kolonni ghal bieb zghir li hemm tahthom, li jaghti ghal gewnah tal-knisja. Imbaghad dhalt gewwa dahla zghira tar-rham ghal taht il-Presbiteriu. Inzilt minn tarag dejjaq ghall-Ghar ta' Betlehem fejn twieled il-Bambin. It-tarag kien mimli bin-nisa, ghax hemm isfel kien hemm il-quddies, u resquli sakemm ghaddejt.

Sibt ruhi gewwa l-Ghar, ifuh birriha tal-bhur u mdawwal b'ghadd kbir ta' lampieri zghar, homor, kohol, sofor, hodor u minn kull lewn. Qaghadt



**Is-Sura ta' Gesù Bambin li tittiehed bil-Purcissjoni mill-Knisja tal-Frangiskani ghal gewwa l-Ghar tat-Twelid, f'Betlehem.**

genb. Waqt li qaghadt inhares lejn dawk il-hitan qodma, fuq il-kolonni, bir-rqajja' tal-muzajk imkahhlin fihom, u lejn dawk il-kolonni nfushom, bix-xbiehat tal-qaddisin fuqhom, mitfija biz-zmien, qaghadt nahseb bejni u bejn ruhi: "Min jaf kemm nies gew jitkellmu m'Alla gewwa din il-knisja, minn kemm ilha li nbniet! Mhux eluf, imma miljuni. Kemm talb ghal hniena u xakar ghal gid sar hawn gew! Min jaf x'rat u x'semghet matul gharkubbtejja fuq l-imkien sewwa fejn twieled il-Bambin u tbaxxejt inbus il-kewkba tal-fidda mwahhla fl-art. Imbaghad erfajt rasi u ghalaqt ghajnejja mighbur fija nnifsi u sthajjiltni nara lil Gesù tarbija, imfisqi u mimdud gewwa maxtura f'dak il-Ghar, quddiemi.

"Bambin", ghedtlu f'qalbi, "x'sejjer nibda nitolbok? Inti taf x'nihtieg jien, aktar milli naf jien innifsi. Imma xi haga rrid nitolbok, biex ma

nkunx ma kellimtek xejn. Flus ma rridx, Bambin, għax il-flus żerriegħa tad-dnub, kif kont ngħid f'żogħżiti u għadni ngħid sal-lum. Ma rridx anqas ġieh u xaraf, għax nibża' li b'hekk immaqdar lil għajri. Taf x'irrid? Irridek iżżommni qawwi u sħiħ bħal ma jien issa, ħalli nibqa' niflaħ naħdem biex ma nkun ta' taqmid għal ħadd. Bambin, ħallili saħħti biex ma nkunx ta' xkiel għall-oħrajn. U jekk trid, qawwili qalbi, biex fit-tiġrib ma niksirlekx kliemek. Inti taf kemm jiena dgħajjef u kemm fiha tiġrib id-dinja".

* * *

Dak il-ħin nisma': "Bub, bub!" fuq il-bieb ta' barra. U leħen ta' tifel jgħajjat: "Ħooobż!" U mat-taħbita u l-għajta ndħixt u ftaħt għajnejja. Sibt ruħi mhux fil-Għar ta' Betlehem, imma d-dar, mimdud fi friexi. "Jaħasra! Kienet ħolma!" għedt ġo qalbi. "Kemm hu sabiħ Betlehem saħansitra fil-ħolm! *Natum videte Regem Angelorum. Venite adoremus; venite adoremus; venite adoremus Dominum!*"

PAWLU.

# OQBRA, GĦADAM, U MEJTIN

**(2 ta' Novembru)**

Ah, jaħasra! Kemm aħna msejkna, aħna n-nies tad-dinja! Nitwieldu mingħajr ma nafu. Ngħaddu ħajja ta' taħbit, xogħol u dwejjaq. Xagħarna jibjad; wiċċna jitkemmex; snienna jaqgħu; għajnejna jitgħammxu. U hekk, min jixjieħ, nixjieħu. U fl-aħħar, mingħajr ma rridu, immutu! X'wixx fiha l-ħajja, ladarba mid-dinja ma għandna xejn tagħna, anqas biss ħajjitna? Anqas biss ġisimna? X'niġu nagħmlu f'dan il-wied tad-dmugħ u baħar ta' l-imrar?

Jekk ilek ma tara lil xi ħadd mejjet, int li qiegħed taqra, ħu rajja, u meta tkun taf li miet xi ħadd fil-ħâra tiegħek, mur arah. Għax fid-dawl li tagħti l-mewt, tagħraf id-dlam li fiha l-ħajja!

Issa naqbdu ħag'oħra.

Qabel ma l-Lhud ħatfu l-aħjar artijiet tal-Palestina lill-Għarab, minn Ġerusalem għal Gaffa kien hemm triq tal-ħadid, jew bit-Taljan, *ferrovija.* Kienet titlaq minn qrib Ġerusalem u tibqa' sejra mal-wied il-wied, qalb l-iġbla. Toħroġ minn bejn l-iġbla għal nofs ta' wetgħa u tibqa' sejra Lidda, u minn Lidda għal Gaffa, tul ta' ħamsa u ħamsin mil.

Kif toħroġ mill-wied, tieqaf fil-Waqfa ta' Għartuf. Kif titlaq minn Għartuf, meta tħares lejn il-lemin, x'ħin tkun riekeb, fuq għolja tawwalija, tara dejr kbir b'ħajt twieqi, u statwa tal-bronz, sewda sewda, fuq il-bejt. Dak id-dejr huwa skola. Skola tal-Biedja, tal-Patrijarka ta' Ġerusalem, Mons. Gori O.F.M., u madwaru għandu art tul ta' ħames mili u ta' milejn wisa', li jagħmlu kollox għaxart imjiel imrebbgħin.

Jien għamilt erba' snin ngħallem xi ħaġa f'dik l-iskola. U billi l-Fellaħin kienu jiġu jidirsu l-qamħ hemm, bil-makna ta' l-iskola, u l-art li kienu jidirsu fuqha kienet immejla lejn il-wied, darba waħda tlabt lid-Direttur iħallina, lili u lit-tfal, dik il-biċċa art, waqt il-logħob, inwittuha. "Hekk", għedtlu jien, "il-Fellaħin ikollhom aħjar fejn jidirsu, u t-tfal ikollhom il-

wisa' għall-*football,* fejn jilagħbu, wkoll".

Id-Direttur qalli iwa. Għalhekk, ħriġna l-għodda mill-maħżen — qfief, fisien, ilwieħ u mgħażaq. U żewġ karretti daqs dinja, jimxu fuq il-ħadid— u wara nofs inhar, għawd li nilgħabu, bdejna x-xogħol.

Qassamt lit-tfal. Min iħaffer, min igeddes il-ħamrija, min jagħżel il-ħaġar u min igerbu naħa waħda. Meta rajt li kelli ħaġar biżżejjed, bnejt ħajt, għoli n-naħa tan-niżla u baxx in-naħa tat-telgħa. Irmajna fuqu l-ħadid u fuq il-ħadid il-karretti. Bdejna nimlew il-karretti bil-ħamrija u nferrgħuhom taħt il-ħajt, darba din, u darba dik in-naħa. Meta jimtlew iż-żewġ blat. Kxifnieh u fih dehret bħal trinka. Bqajna nħaffru u l-blat sibnieh maqtugħ donnu kien hemm xi menqa. Fraħt wisq, għax ħsibtha li kienet menqa, għax kieku konna nimlewha bl-ilma u ngħumu fiha fis-sajf; imma kienet ferħa bla temma.

Fil-ħajt tal-menqa, x'ħin bqajna nħaffru, sibna bieb żgħir magħluq b'biċċa kolonna. Qlajnieha u sibna kamra mħaffra fil-blat. Fil-ħitan ta' ġewwa, kien hemm disa' ħofor, donnhom fran. Kienu oqbra. Wieħed kien għadu magħluq b'ħaġra mkaħħla u l-oħrajn miftuħa. Mal-ħitan, fl-art, kien hemm għadd ta' *sarkofagi*: bħal kaxex żgħar tal-ħaġar, bil-għatu, u ġewwa fihom: għadam, għadam, għa-



**"IFTAKAR JA BNIEDEM, LI TRAB GĦAD TRID ISSIR!"**
**Żewġt oqbra li nsabu l-Palestina bit-trab u l-għadam ta' nies li mietu aktar minn elf sena ilu.**

naħat, nibni ħajt ieħor bħal ta' l-ewwel, inrikkbu fuqu l-karretti, nimlew il-ħamrija u nferrgħu, u bqajna sejrin hekk sakemm għamilna setaħ wati, kbir u sabiħ tgħidx kemm.

Meta kellna ftit anqas min-nofs ix-xogħol, in-naħa tat-telgħa, sibna l-dam tal-bnedmin. Biċċiet tar-rjus, qasab tas-saqajn, għekiesi tas-swaba u snien ma jingħaddux. Għadam immermer. Taqbad għadma, titfarrak bejn subgħajk, donnha għoqda zokkor ismar. Id-Direttur bagħat għal wieħed Ġiżwita mill-iskola ta' l-Arkeo-

loġġa ta' Ġerusalem biex jara l-qabar. Qal li dak kien qabar Lhudi li wara bdew jidfnu fih l-Insara. Li kien ilu mitluq, mill-anqas, elf u ħames mitt sena!

* * *

Drabi kont immur, nidħol fil-qabar waħdi, noqgħod nara l-għadam u naħseb. Il-qiegħ tal-fran jew *kokim*, kien miksi b'għabra ratba, donnha nuħħala rqiqa jew irmied. Kien ittrab tal-iġsma tal-mejtin. "Kemm qlub hawn f'din il-għabra," kont ngħid waħdi; "qlub li ħabbew u bagħdu, li ħassew ferħ u niket... u issa kollox għadda... u ilu li għadda elf u ħames mitt sena! Kemm għajnejn hawn f'dan it-trab, li drabi xegħlu bid-dawl tal-ferħ u drabi xxarrbu biddmugħ tan-niket! U issa kollox intemm! Dan il-għadam kien nies, ħajjin, bħal ma jiena ħajj jien issa. Jekk kienu rġiel, kemm ħartu u għażqu, żergħu u ħasdu, f'dan ir-raba! Jekk kienu nisa, kemm il-darba niżlu u telgħu ma' dil-mogħdija biex iġibu l-ilma mill-bir li hawn ġol-wied! Ħbieb tiegħi u ħuti," kont ngħidilhom, "x'vendetta għamlet minnkom in-natura! Għaxtu ħamsin... jew sittin... jew sebgħin sena, u issa ilkom mejtin elf u ħames mitt sena!"

U ġiet li kont nibda nibki. Nibki ilhom u nibki lili nnifsi, għax naf li dak li għaddew minnu huma, u li jinsabu fih issa, għad irrid ngħaddi minnu u nkun ninsab fih, jien! Imsejkna, aħna, in-nies tad-dinja!

* * *

X'jismek, xbin: tiftakar meta miet ir-Re Ġorġ VI ftit snin ilu? Il-għada li miet ir-Re, għamel taħdita fuqu Churchill. Fost ħwejjeġ oħra qal li r-Re "kien miexi id f'id mal-Mewt, u l-Mewt ġiet ħaditu bħal ħabiba." Hekk jeħtieġ li nkunu aħna. Nimxu dejjem id f'id mal-Mewt. Naħsbu dejjem fiha. Kull ma nagħmlu, inqisuh u niżnuh qabel bil-qjies u fil-miżien tal-Mewt. Biex meta tiġi, ngħidulha "Merħba bik! Hawn aħna." U bil-wasla tagħha ma ninħasdux.

ELSIE.

---

# LI MA KIENUX IL-FRANĠISKANI

Meta Kostantinu bin Santa Liena, ra x-xemx toħroġ ir-raġġi għamla ta' Salib minn wara sħaba, ħa din id-dehra bi twissija minn Alla; u bl-egħliema tas-Salib rebaħ u sar Imperatur. Wara ġiegħel li d-Djiena Nisranija ssir id-Djiena ta' l-Imperu Ruman, fejn kien jaħkem huwa.

Il-Palestina wkoll kienet taħt l-Imperu Ruman u n-nies ta' hemm ukoll fil-kotra saru Nsara. Għal habta tas-sena 320 Santa Liena, għad li xiħa ta' 64 sena, marret hi nfisha l-Palestina u bniet knejjes fuq l-Imkejjen Imqaddsa u għanietħom bil-ġid. Imma fis-sena 614, ħarrieb aħrax mill-Persja, jismu Kosroas, ħabat għall-Palestina u għeleb lir-Rumani u qatel wisq Qassisin u Rħieb. Ħaraq u ġarraf il-knejjes kollha barra minn ta' Betlehem; karkar lejn il-Persja eluf ta' lsiera fosthom 3,000 subien u bniet żgħar. Għaddew 24 sena u reġgħu ħabtu għall-Palestina l-Misilmin. U dawn ma kienux ħorox wisq ma' l-Insara, imma fis-sena 1010 sar sultan wieħed Mislem, miġnun, jismu Ħakem, li mġiegħel minn xi Lhud, kisser sal-blat il-Qabar ta' Kristu u ġarraf kemm knejjes kienu nbnew. Imbagħad bdew dawk il-gwerer tas-Salibin, jew bit-Taljan "Crociati", meta

l-Insara ta' l-Ewropa riedu jeħilsu l-Art Imqaddsa minn idejn il-Misilmin. Fis-sena 1099 Goffredu ta' Buljon rebaħ lil Ġerusalem, u l-Palestina reġgħet żegħdet bir-Rħieb u l-Qassisin. Imma fis-sena 1187 ġie wieħed Għarbi, Saleh id-Din, u għeleb lill-Insara u keċċihom, u r-Rħieb u l-Qassisin telqu magħhom ukoll.

Dak iż-żmien fl-Italja deher San Franġisk, li ġabar miegħu xi żgħażagħ u sejjes l-Ordni Franġiskan. Mar Ġerusalem fl-1219 u daħal fiha bil-kelma t-tajba. Indehes fiċ-Cenaklu u l-Qabar ta' Kristu u rawwam ir-Rħieb ta' l-Ordni tiegħu hemm, li baqgħu weħedhom, Rħieb Kattoliċi, sas-sena 1830, u għadhom hemm sal-lum.

Issa wieħed jaħseb: x'kien isir mill-Imkejjen Imqaddsa kieku l-Franġiskani ma daħlux il-Palestina? X'kien isir mill-Qabar ta' Kristu, mill-Għar ta' Betlehem u mid-Dar tal-Madonna f'Nazaret, mitluqa fidejn il-Misilmin? Kienu jagħmluhom knejjes tagħhom (bħaċ-Cenaklu u San Ġwann ta' Ramla u oħrajn) jew jagħtuhom lill-Griegi, mingħajr ebda tama li jerġgħu jiġu f'idejn in-Nisranin!

Kemm mela għandna nibqgħu nafuhulhom lill-Franġiskani, li għal seba' mitt sena, bil-ħlewwa ta' kliemhom u bl-ebusija ta' rashom, żammew l-Imkejjen Imqaddsa għall-Insara! U kemm għandna nafuhielhom il-qlubija li wrew, li qagħdu għall-ġugħ, ħabs, tgħajjir u swat, u bosta drabi, mewt, imma le ma tqanqlu minn imkienhom! Kemm il-darba l-Art Imqaddsa li xxarbet bid-Demm tal-Ħaruf bla Tebgħa, ixxarbet mill-ġdid bid-demm tar-Rħieb Franġiskani maqtulin mill-Misilmin!

FRA MIKIEL.

---

# NERIKU T-TIENI SULTAN TA' ĊIPRU

Żgur li m'hawn ħadd fi Gżiritna li ma semax b'Ċipru. Il-lum l-isem ta' dil-gżira fil-lvant tal-Baħar Mediterran, hu f'ħalq kulħadd, iżda ftit mill-qarrejja forsi jafu li Ċipru tagħmel sehem mill-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa. Il-Gżira ta' Ċipru għandha ġrajja qadima bosta. Għall-ħabta tas-sena 2,000 Q.K., il-Feniċi kienu bdew igħammruha u ħafna wara, il-Griegi bdew jiġu minn pajjiżhom biex joqgħodu Ċipru. Il-Gżira waqgħet ukoll taħt idejn l-Eġizzjani, u fis-sena 525 Q.K., is-sultan tal-Persja ħatafha taħt idejh. Wara r-rebħa ta' Irsus, Xandru l-Kbir għaqqadha mas-Saltna tal-Maċedonja, iżda kif miet hu waqgħet f'idejn Ptolomeius ta' l-Eġittu. Fis-sena 58 Q.K. saret provinċja Rumana. Il-Gżira kienet minn ta' l-ewwel li ħaddnet id-Din Nisrani, u naqraw fil-Kotba tar-Rabta l-Ġdida li San Pawl, San Barnaba u San Mark marru Ċipru biex ixandru t-Tagħlim ta' Ġesù. Bejn is-snin 644 - 975 W.K., il-Għarab ħabtu kemm-il darba għall-Gżira u ħarbtuha. Mis-sena 1195 sa l-1487 W.K., meta waqgħet taħt ir-Repubblika ta' Venezja, Ċipru kienet immexxija u maħkuma mill-familja ta' Guy de Lusignan li kien kiseb il-Gżira minn għand Richard I. Dan Richard I kien ħakimha hu u sejjer għat-Tielet Kruċjata.

Dorna dawra qasira mal-ġrajja ta' Ċipru għaliex il-Beatu Neriku II kien wieħed minn tal-familja ta' Lusignan. Sa hawn mela fuq il-ġrajja mqallba

ta' Ċipru, naraw xi ħaġa fuq il-ħajja tal-Beatu li għalkemm sultan mexa wara Kristu t-Triq tal-Qdusija, fl-umiltà, fit-tgħakkis u fis-sabar.

Neriku II, Sultan ta' Ċipru, kien nisel ta' Guy de Lusignan, l-aħħar sultan ta' Ġerusalem u l-ewwel wieħed ta' Ċipru. Missier Neriku kien Ugo de Lusignan, bniedem ta' dehen u għerf kbir, ara kemm hu minnu li l-Qaddis Tumas minn Aquino iddedikalu waħda mill-opri l-aktar magħrufa tiegħu. Ugo kellu għaxart itfal, sitt subien, fosthom Neriku, u erbat ibniet. Neriku laħaq sultan ta' Ċipru aktarx għall-ħabta tas-sena 1285 wara ħuh Ġanni.

Kittieba qodma ħallew miktub li Neriku II kien bniedem li jiġbed lil kulħadd għal warajh. Dħuli, ħanin u idejh miftuħa, kien il-mimmi ta' għajnejn in-nies ta' Ċipru. Kif tela' fuq it-tron tas-saltna, nadaf il-ħażen li kien iniġġes 'il palazz rejali, u widdeb lil ta' madwaru li min ried igħix fiż-żina ma kellux jibqa' miegħu, iżda jitbiegħed u jindem. Qabel laħaq sultan hu, ħafna mill-fqar tal-Gżira kienu jinħaqru u jitkasbru mill-għonja, u ħadd minnhom ma sata' jiftaħ fommu għax miskin hu jsib ruħu f'xi qiegħ ta' ħabs jew rasu mħanxra. Neriku fehem li sultan nisrani kellu jsewwi dak l-għelt u jagħti lil kulħadd li ħaqqu. Kelmtu żammha u l-fqir u l-magħkus bdew isibu is-sejf u t-tarka tagħhom. Fejn qabel kienu imżebilħa, issa setgħu jgħixu kif irid Alla, jieklu huma, marthom u uliedhom, u moħħhom mistrieħ li s-sultan magħhom.

Ma għandniex xi ngħidu dan l-għemil tas-sultan ma għoġob xejn lil ta' madwaru. F'qalbhom bdiet titrabba għira kontrih, fommhom imtela' bis-semm u bdew jaħdmu minn taħt biex itemmuh jew għallanqas iwarrbuh mit-tron u jqiegħdu floku wieħed li jaqbel mal-fehmiet u x-xejriet imgħawġa tagħhom. Is-Sultan intebaħ b'xi ħaġa, u bl-imħabba kollha widdeb lill-ħżiena u fejn ma ridux joqgħodu bil-kelma t-tajba kellu jurihom li hu s-sid u l-mexxej tal-Gżira. Il-qagħda bdiet tikrieh ġmielha u jum fost l-oħrajn Neriku II ġie mġiegħel jerħi t-tron tas-saltna. Ix-xewwiexa għażlu bħala sultan ta' Cipru lil ħuh Almerico Aumary. Qabdu lil Neriku jikteb u jiċħad għal dejjem il-jedd li jsaltan. Ħafna mill-kbarat tal-gżira li qabel kienu jaħilfu bih, ġew imqarrqa u daru kontrih. Il-ħażin jaf jidħol fin fin u jiġbed warajh il-kotra. Il-Patrijiet tagħna, li dejjem raw fis-sultan ħabib kbir tagħhom, baqgħu miegħu fis-siegħa ta' l-hemm u ma ridux jiffirmaw il-karti li bihom ġie mċaħħad mill-ħakma tal-gżira.

Il-Papa Klement V isgħobbih wisq meta sama' l-bxara kerha, u meta sar jaf li l-Kavalieri Templari kienu minn ta' l-ewwel li ħaduha kontra Neriku II, neħħihom u amar li ġidhom jingħata lill-Kavalieri Ospidalieri ta' San Ġwann. L-Ittri Pontifiċji li bihom il-Papa neħħa lit-Templari, ittieħdu Ċipru mill-Franġiskan Fra Pietru Cassan, Isqof ta' Rodez fi Franza, u Patrijarka Titulari ta' Ġerusalem. L-Ittri kienu nqraw mill-Isqof quddiem il-kbarat tal-gżira fis-sena 1308.

Neriku II ħa kollox bis-sabar u mar igħammar f'palazz tiegħu privat, fejn għal tliet snin sħaħ kellu jaqla' fuq wiċċu kull għamla ta' tkasbir. B'danakollu laqa' s-salib bla lewma, bittama sħiħa f'qalbu li Alla, Sultan tas-slaten, kien miegħu.

L-għadab ta' l-għedewwa ta' Neriku kien għadu ma qagħadx. Riduh f'idejhom biex jitħallsu minnu, għax il-mibegħda ma tistrieħx qabel ma ttaffi l-għatx klubi tagħha. U hekk

fl-1 tas-sena 1310, Neriku ġie mkaxkar mill-palazz tal-beit ta' Famagusta. imżebbah u middieħek minn dawk li d-deħra qaddisa tiegħu kienet iċċantarhom. Dam fil-ħabs sat-3 ta' Frar ta' l-istess sena, u l-għada niżżluh fil-port ta' Gastrija fejn kellu jaqbad mirkeb għall-belt ta' Larezzo fiċ-Ċiliċja. Neriku ġie saflaħħar imkeċċi mill-gżira ta' qalbu! Miegħu fuq il-mirkeb marru tliet Patrijiet tagħna.

Meta wasal ġie jilqgħu s-sultan ta' l-Armenja, li wkoll kien jiġi minnu. Dan kien bniedem ħilhaqlu wisq u ġa kien miftiehem ma' l-għedewwa ta' Neriku biex kif jasal jixħtu f'qiegħ ta' ħabs. Iżda ma wera xejn. Laqa' lil Neriku b'idejh miftuħa u wrieh wiċċ b'ieħor sakemm wara ftit jiem bagħat lis-suldati għalih u dawn kaxkruh fil-kastell ta' Lambron bħala ħabsi mill-agħar.

Dawn l-aħbarijiet waslu f'widnejn il-Papa Klement V u tgħidx kemm għala. Għalhekk fir-rebbiegħa tas-sena 1310 bagħat f'Ċipru u mbagħad fl-Armenja 'l-Arċipriet Ramon de Pins, bittama li jreġġa' fuq it-tron ta' Ċipru lil Neriku II. Ftit qabel il-wasla ta' de Pins, Aumary de Lusignan, ħu Neriku li kien seraq it-tron, ġie maqtul minn wieħed mill-kamrieri tiegħu fil-għodwa tal-5 ta' Ġunju 1310. U b'hekk il-ħażin tħallas, għax ma' Alla ħadd ma jiċċajta u l-Ħaqq Imqaddes Tiegħu jasal fuq ras kulħadd.

F'Lulju tas-sena 1310 il-Legat tal-Papa Fra Pietro Cassan, Franġiskan, ħalla Ċipru, mar l-Armenja, u wara ħafna taħbit u xogħol irnexxielu jeħles mill-ħabs lil Neriku. Ħadu miegħu Ċipru u fost il-ferħ tan-nies tal-gżira, Neriku II reġa' beda jsaltan. Il-poplu baxx li fi żmienu kien kiseb bosta jeddijiet, ried itir bil-ferħ u dawk li kienu qed ininu fid-dlam u l-ksieħ ta' xi sotterran ġew meħlusa. Mal-wasla ta' Neriku II l-għedewwa tiegħu daħlu f'qoxrithom iżda s-sultan ried "jikkastigahom". X'għamel? Ġabarhom fil-palazz, widdibhom u mbagħad ħafrilhom. Ma riedx jimxi magħhom kif imxew miegħu huma. Kien jemmen li Alla fuq kulħadd, u li l-aqwa Preċett tan-Nisrani kien dak ta' l-Imħabba u l-Maħfra.

Mal-wasla tiegħu fuq it-tron ta' Ċipru, Neriku II ma nesiex 'il-Franġiskani. Ftakar li huma biss żammew miegħu u minħabba fih niżlet bla ħniena fuq rashom il-qilla ta' l-għedewwa tas-sultan. Ried għalhekk jurihom li jibqa' jafhulhom. L-ewwel ma għamel kien antal sabiħ u għani bosta lil Missierna San Franġisk fil-Kattidral ta' Santa Sofija ta' Nicosia. Kabbar u sebbaħ il-knisja ta' San Franġisk ta' l-istess belt u sewwa l-kunvent tal-Patrijiet. Ħdejn dal-kunvent bena palazz għalih, jinfed mal-ġnien tal-Patrijiet biex fis-sigħat tal-mistrieħ jinżel igħid kelmtejn magħhom.

Wara l-miġja tiegħu mit-turufnament, Neriku II għaraf dejjem aħjar ix-xejn tal-frugħa tal-ħajja. It-tbatija, iċ-ċaħda u ż-żeblieħ li ġarrab ressquh aktar lejn Kristu Msallab u ma kienx jixtieq ħlief li jingħaqad miegħu għal dejjem. Neriku dam isaltan fuq Ċipru għal bosta snin. Taħtu l-gżira għexet fil-Ħaqq u s-Sewwa, iżda jum fost l-oħrajn is-sultan qatagħha li jħalli d-dinja. Bosta kittieba tal-Ġrajja ta' l-Art Imqaddsa, fosthom Patri Ġlormu Golubovich O.F.M., iżommu li s-sultan ħalla d-dinja, daħal Patri tagħna u pprofessa r-Regula ta' l-Ewwel Ordni Serafiku. Oħrajn igħidu, u dawn ma jilħqux aktar minn tlieta, li baqa' jgħix fil-palazz tiegħu ta' Nicosia u meta miet ried li jindifen biċċoqqa tal-Patrijiet Minuri. Id-"Diarium Terrae Sanctae", il-lum wasal jipprova li Neriku II ipprofessa tabil-

ħaqq ir-Regula ta' l-Ewwel Ordni. Nafu żgur li miet fil-31 ta' Marzu 1324, u kif xtaq hu ġie midfun fil-Knisja Franġiskana ta' Nicosia.

Fl-Ordni tagħna għandu t-titlu ta' Beatu. Ħabb dejjem 'il-patrijiet tagħna u fih kellhom id li tħarishom. Igħidilna Fra Giovanni Elemosina fil-"Chronicon" li l-Beatu ried li dejjem ikollu fil-palazz il-patrijiet tagħna, u dawn kien iqaddsulu żewġ quddisiet kuljum.

Il-ħajja tal-Beatu turina li wkoll is-slaten iduqu l-hemm tal-ħajja, iżda biss min iħobb sewwa lil Kristu Msallab jilqa' kollox bis-sabar, bit-tama li Alla jserraħ fuq rasu l-kuruna tal-Glorja fis-sebħ tas-Smewwiet.

P. Marjanu Vella, O.F.M.

---

## IL-GĦALQA TAL-ĦOMMOS

Ftit jiem wara li wasalt Ġerusalem, mort Betlehem, bil-mixi, ma' Fra Elija (dak l-Ajk Malti, mill-Mellieħa, li ġibna r-ritratt tiegħu f'dan il-Qari bħal daż-żmien sentejn). Meta konna għamilna ftit aktar min-nofs triq, Fra Elija wrieni għalqa bla ħamrija, fix-xellug u qalli li dik kienu jgħidulha il-għalqa tal-ħommos (għal min ma jafx il-Malti tajjeb, ħommos jiġifieri *ċiċri*), għax ġewwa fiha 'jinsab ħommos tal-ħaġar. U dħalna fiha u qagħdna ftit induru u nfittxu u sibna xi erba' ħommsiet tal-laġar aħna wkoll.

Fuq dik il-għalqa tingħad naqra ta' ħrafa qaddisa, jew *leġġenda,* li jien sa niktibha hawnekk. Sa niktibha kif qalhieli wieħed fellaħ Mislem, għax dik in-naħa kull ħadd jafha, Insara u Misilmin.

Mela darba waħda, Mirjam, Omm Ġesù, kienet sejra minn Betlehem għal Ġerusalem, bil-mixi, b'binha tarbija fuq driegħha. Kien waħar ir-rebbiegħa u f'dil-għalqa kien hemm bidwi li kellu godds ħommos għadu kemm dirsu fuq qiegħa tal-blat. Ġesù li kien għadu ma jitkellemx, għax ċkejken ħafna, meta ra l-ħommos, ħares lejn ommu, urieha b'idu l-godds tal-ħommos, u qalilha: "Mamma, mamma, ħê!"

Mirjam waqfet fuq ħajt il-għalqa, kellmet lill-bidwi u qaltlu: "Raġel, agħtini erba' ħommsiet, għat-tifel!" Imma l-bidwi kien xħiħ wisq u qalbu ġiefja. U wieġeb lil Mirjam: "Dan m'hux ħommos, mara, dan żrar!" "Żrar għedtu u żrar issibu," weġbitu Mirjam, u baqgħet sejra.

U hekk ġara. Meta l-bidwi beda jimla l-ħommos fix-xkejjer, qal f'qalbu: "Dan x'ħommos hu, kemm hu tqil u kemm hu jiebes!" Xeħet ħommsa taħt snienu biex jomgħodha. Għajjat għajta, għax ħass weġgħa; għax m'hux darstu kisret il-ħommsa, imma l-ħommsa kisritlu d-darsa. U ħalla l-ħommos hemm u telaq u t-tfal xerrduh mal-għalqa kollha, u għad baqa' minnu sal-lum.

Ħanna l-Malti.

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AĦBARIJIET TA' BARRA

*Diskreti ġodda* — Il-Franġiskani fid-Dejr il-kbir ta' San Salvatur, f'Ġerusalem, għandhom bħal Parlament tar-Rhieb igħidulu *Diskretorju*. Dan il-Parlament magħmul minn Raheb minn kull nazzjon: Ġermaniż, Taljan, Spanjol, Amerikan, Franċiż, Ingliż u Għarbi, li magħhom ikunu hemm ukoll it-Tlieta l-Kbar: il-Prokuratur, il-Vigarju u l-Kustodju. Fost dawn kienu maħtura żewġ membri ġodda dan l-aħħar, wieħed Taljan, Patri Ġorġ Chiappero, li laħaq wara Patri Teofilu Bellorini, li miet, u l-ieħor Ġermaniż. Patri Ġjaċint Wilmes, li laħaq wara Patri Ġlormu Trumpke, li ħalla għax ma għadux jiflaħ.

*Il-Għar tal-Ġetsemani.* — Kif għarrafna drabi oħra, wara li l-Għar Imqaddes tal-Ġetsemani mtela bl-ilma tal-wied, sentejn ilu, il-Franġiskani sewwewh u daruh dawra tajba. Issa riedu jwaħħlu rħama fuq il-bieb tal-Għar u r-Rhieb Griegi ma riedux iħalluhom. Il-Franġiskani ġiebu l-ħaġa fil-Qorti u rebħu l-kawża u r-rħama waħħluha fejn riedu huma.

*L-Appostolat tal-Baħar.* — Il-Franġiskani li jinsabu f'Ġerusalem u fl-artijiet li jagħmlu magħha, dan l-aħħar qabdu ħidma ġdida, imsemmija *Apostolatus Maris*, jew bl-Ingliż, *Apostleship of the Seas*, bħal dik li hawn Malta wkoll. Kull ġifen li jidħol f'xi marsa, fejn hemm Knisja Franġiskana, jitla' Raħeb u jara hemmx Kattoliċi u jekk dawn ikunux jeħtieġu xi ħaġa. Kull nhar ta' Ħadd ukoll Patri Franġiskan jitla jqaddes fuq il-ġifen.

*Fejn Beka Ġesù.* — Sar għid żgħir fil-kappella l-ġdida mibnija fit-telgħa ta' Ġebel iż-Żejtun (Monte Oliveto), fejn Ġesù beka fuq Ġerusalem f'Ħadd il-Palm. Wara l-Barka l-Arkeologu Patri Bagatti għamel taħdita, imfissra bis-'slides', li fiha fisser sewwa kull ma nstab fit-taħfir li sar hemm fuq dan l-aħħar, fuq kollox is-sarkofagi (kaxex tal-ħaġar) bis-salib maħżuż fuqhom u bil-għadam tan-nies ġewwa fihom, li ngħarfu li huma ta' żmien l-Appostli.

*Żjarat lil-Qabar ta' Kristu.* — Għad li l-qagħda tal-Palestina għadha mħawda sewwa ħtija tal-għelt bejn il-Lhud u l-Għarab, waslu ħafna żawwarin, jew *pellegrini* f'Ġerusalem, l-aktar Ġermaniżi u Amerikani.

*Il-Ħaqq t'Alla f'Betlehem.* — Ftit ilu f'Betlehem instab bniedem maqtul u l-Pulizija ħasbet ħażin fi tlitt irġiel Misilmin. Billi ma kienx hemm provi ċari li l-qtil għamluh huma, ħaduhom fil-Għar Imqaddes ta' Betlehem u ġagħluhom jaħilfu li ma għandhomx ħtija, fuq il-Benniena ta' Ġesù. Għax f'Betlehem jingħad li min jaħlef fil-gideb fuq il-Benniena ta' Ġesù fil-Għar ta' Betlehem, jaqa' u jmut malli joħroġ mill-bieb tal-knisja. It-tlitt irġiel ħalfu li ma għandhomx ħtija, u billi meta ħarġu mill-knisja ma ġralhom xejn, il-Pulizija telqithom, għax emmnet li huma bla ħtija tabilħaqq.

*Skola għat-tfal foqra f'Ramleh.* — F'belt jisimha Ramleh, qrib Ġaffa, li

issa tinsab taħt idejn il-Lhud, il-Franġiskani qatgħu biċċa mid-Dejr tagħhom u għamluh bħala skola għat-tfal subien foqra, li wkoll jieklu u jorqdu hemmhekk. Dawn jitgħallmu mat-tfal l-oħra ta' l-iskola ta' barra. Għal ħwejjeġ ta' l-ilbies jaħsbu nieshom u hemm x'uħud li jħallsulhom xi ħaġa żgħira, imma għal bqija jaħsbu għal kollox il-Franġiskani. S'issa l-għadd tas-subien huwa ħamsa u għoxrin, imma l-Franġiskani beħsiebhom 'il quddiem iwassluh sa erbgħin. Disgħa mit-tfal huma Għarab Kattoliċi, disgħa Insara Melkiti, wieħed Nisrani Maronita, tlieta Kattoliċi Ewropej, wieħed Mislem u tnejn Insara Xiżmatiċi.

*Sejħa lill-Insara.* — Il-Lhud fil-belt ta' Għakka (San Giovanni d'Acri), qrib Ħajfa, xerrdu karti fost in-nies biex l-Insara Għarab jingħaqdu magħhom kontra l-Misilmin Għarab, għax qalu huma, li l-ġens Lhudi, huwa l-aħjar ġens li fih kulħadd jista' jħares id-Din tiegħu bla biża' u bla tfixkil. L-Insara Għarab weġbuhom li huma, isir li jsir, jibqgħu jżommu man-nies tal-ġens tagħhom, Misilmin jew mhumiex, għax hija ħaġa tas-sewwa u maħluqa minn Alla li ħadd ma għandu jeħodha kontra demmu u kull ma jagħmlu l-Lhud biex ibiddlulhom fehmithom ikun kollu xogħol mitluf.

* * *

Waqt li dil-ħarġa ta' dal-Qari kienet tintaba' waslet minn Ġerusalem l-aħbar li b'Kustodju ġdid tal-Qabar ta' Kristu kien magħżul ir-Rev.mu:

**Patri Alfredu Polidori,O.F.M.**

Billi did-darba ma kellniex żmien, ikollna bil-qalb it-tajba nħallu x-xandir tar-ritratt tiegħu u tifsir fuq ħajtu għall-ħarġa li ġejja.

*"THE MALTA DIRECTORY*

*AND*

*TRADE INDEX"*

Għadu kemm ħareġ, ktieb sabiħ, b'qoxra ta' saħħa minn barra u b'tagħrif ta' fejda minn ġewwa. Meħtieġ għal kull min għandu xi *business,* kbira jew żgħira, tkun ta' liema xorta tkun, għax fih isib fejn ibiegħ u minn fejn jixtri. U siewi għal kull ħadd, għax kull ħadd drabi jrid xi ħaġa: isiefer safra; jistrieħ jumejn f'Lukanda; ikellem tabib jew avukat, biex jieħu xi raj. Meta jkollok f'idejk dan il-ktieb qisek għandek fuq irjus subgħajk 'il Malta kif iddur.

Dal-ktieb jeħelsek minn ħafna ġiri u tisfiq ta' wiċċ, għax kull ma teħtieġ, fuq Malta, tiftħu u ssibu fih. Storja, Ħakma, Knisja, Tobba, Tagħlim, Banek, Xogħol, *Sport,* Safar, Lukandi, Avviżi ta' Bejgħ u Xiri. U wisq u wisq ħwejjeġ oħra li biex issemmihom trid qatiegħ wisa' u żmien.

*Inħajjru jixtrih lil kull ħadd.*

* * *

✝ B'sogħba kbira nħabbru lill-qarrejja tagħna bil-mewt ta'

**Mari-Dolor Schembri**

Li mietet fl-Isptar ta' San Vinċenz ta' Ħal Luqa fit-18 ta' Awissu li għadda, fil-għomor ta' 66 sena. Ħalliet imħassrin għat-telfa tagħha lil uliedha fosthom lil Patri Lettur Gwidu Schembri, O.F.M., wieħed fost l-aħjar kittieba ta' dan il-Qari. Nixtiequ li l-qarrejja tagħna jitolbu għar-ruħha, biex jekk għad ma hix, tfittex tidħol fis-Sebħ tal-Ġenna. — R.I.P.

## KIFS IL-QAMAR FIS-SALT

F'Diċembru ta' l-1929, kont ninsab f'belt tal-Għarab jisimha s-Salt, fit-Transġordanja, jiġifieri n-naħa l-oħra tax-xmara tal-Ġurdan. In-nies ta' hemm għad għandhom drawwiet qodma aktar min-nies ta' din-naħa, ta' Ġerusalem u madwarha.

Fit-8 ta' Diċembru, dik is-sena kifes il-qamar. Kulħadd kien jaf li dik il-lejla l-qamar kellu jikfes, u bdew jitħaddtu fuqu minn bi nhar. U kienu jafu kif jikfes: għax dell id-dinja jaqa' fuqu; imma riedu jħarsu d-drawwa l-qadima, ħalli jgħidu li jridu n-nies.

Mela, għal ħin li kellu jikfes il-qamar, in-nies tas-Salt bi ħġarhom telgħu fuq il-bjut. Ir-rġiel tellgħu magħhom l-armi tan-nar (għaliex hemm tista' żżomm xkubetti, azzarini u revolvrijiet kemm trid, mingħajr ħalla jew *permess* tal-pulizija) u n-nisa u t-tfal tellgħu ostla taż-żingu, laned tal-pitrolju u bottijiet fiergħa tal-ħalib. U hekk imrawmin qagħdu jistennew kifs il-qamar.

Malli l-qamar beda jixxellef (jew xi ħadd deherlu li beda jixxellef) bdiet tistama' xi tifqiegħa u xi taħbita fuq xi landa, 'l hawn u 'l hemm. Il-qamar jintefa u l-ħsejjes jiżdiedu. Tifqiegħ, taħbit fuq laned, u għajjat ta' nisa u tfal. Tiftakarhom hawn Malta r-*raids* tal-Ġermaniżi fuq l-*Illustrious*, kif l-isparar mill-art ma qata' xejn? Hekk ma qatgħux il-ħsejjes tas-Salt waqt kifs il-qamar. Dak tifqigħ! Dak taħbit u għajjat! Kulħadd itiegħha: "Ja ħuta, erħi qamarna! Ja ħuta, erħi qamarna!"

Għalfejn dawk il-ħsejjes u dak l-għajjat kollu? Għax huma jaħsbu (jew jagħmlu ta' bir-ruħhom) li fis-sema dak il-ħin ikun hemm dragun li jaħtaf il-qamar bi snienu u jkun sa jieklu. Għal hekk jibdew iħabbtu u jgħajjtu, biex id-dragun jibża' u jitlaq il-qamar u ma jieklux. Għax jekk jieklu, huma, kif jaraw jimxu, meta joħorġu jirgħu l-għanem, bil-lejl?

HANNA L-MALTI.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

Ja bejti, ja bejtati! Ja mastar għajjabati! Bil-Malti għandna qawl bħal dan imma ftit jistama'. Dan hu: *Dari, ja dari, tistor lili u lil egħwari.*

Kul nass, axrab mass, imxi dass, u għalija an sabak ħass! Qawl donnu taċ-ċajt. Jgħidlek: *Kul bil-qajl, ixrob kemm-kemm, imxi bil-lajma, u nagħmillek tajjeb li qatt ma jiġrilek ebda ħsara.* U meta tkun mgħaġġel, x'isir?

Eża kan ħabibek għasel, la tilgħaqux kollu. "Eża kan" ifisser *kieku kien;* il-bqija bħall-Malti xorta waħda. Ifisser: ikun tajjeb kemm ikun tajjeb il-bniedem, qatt la tabbużaʼ ħafna bih.

Il-għarib, jeġeb ikun qadib. *Meta tkun f'dar in-nies, qis li ġġib ruħek tajjeb.*

# ĊIFRI LI JITKELLMU WEĦIDHOM

## IL-HIDMA TAL-KUSTODJA FRANĠISKANA TAT-TERRA SANTA

### ĦIDMA RELIĠJUŻA

21 Santwarji
45 Kappelli
39 Parroċċa b'85,000 fidili
11 Knejjes Sukkursali
31 Kappellaniji
64 Kunventi
402 Missjunarji
2 Kulleġġi Serafiki
70 Kummissarjati mxerrdin mad-dinja kollha
1 Delegazzjoni tat-Terra Santa f'Ruma.

### ĦIDMA SOĊJALI

30 Skola għall-bniet u għas-subien, b'aktar minn 6,000 tfal
6 Kulleġġi b'1,800 edukandi
3 Orfanatrofji
8 Officini tas-snajja
2 Tipografiji
1 Fotozingografija
1 Kalvonoplastika.

# ĦIDMA TA' GĦAJNUNA

**Lill-Imgħakksin:**

Il-Kustodja tat-Terra Santa għandha DJAR, li hi tikri mingħajr ebda ħlas lill-insara fqar. Meta l-għadd ta' familji nsara jgħaddi l-għadd tad-djar il-Kustodja tgħinhom bil-flus biex jidħlu taħt saqaf ieħor.

**Ħobż ta' Sant'Antnin:**

F'Kunvent wieħed biss ta' Ġerusalemm, li hu dak ta' San Salvatur, jiġu mqassma iktar minn 2,000 ħobża kull jum u fuq 850 platt minestra lill-fqar, ikunu x'ikunu.

**Għajnuniet oħra:**

Fuq 800 xjuħ, irġiel u nisa, hemm miġburin fl-ażili tal-Kustodja; 1,300 razzjon ħalib jingħataw kull jum lit-tfal; kotba, pitazzi u ħtiġijiet ta' l-iskola jiġu mogħtija b'xejn lil 3,200 tfal foqra; u għadd kbir ta' morda jiġu mdewwijin u kkurati fl-isptarijiet u spiżeriji tat-Terra Santa.

**Lir-Rifuġjati tal-Gwerra tal-Palestina:**

65 dar tal-Kustodja qegħdin jilqgħu lir-rifuġjati u għadd ta' 1,400 rifuġjati oħra qegħdin f'kera ieħor li tħallsu t-Terra Santa; mijiet ta' familji u eluf ta' rifuġjati għandhom il-ħtiġijiet tagħhom kollha mill-Kustodja ta-Terra Santa.

**Lill-Pellegrini:**

Barra minn dan li għedna, il-Kustodja tat-Terra Santa torganizza Pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa mid-dinja kollha, tgħin lill-pellegrini fiż-żjajjar tas-Santwarji u lilhom tilqa' u tpaxxi fit-8 Djar (Casenove) tagħha.

**Cum permissu Superiorum et auctoritatis Ecclesiasticae.**